Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-punti (1) u (4) tal-Artikolu 8 tagħha,Wara li kkunsidrat d-Direttiva tal-Kunsill 2009/158/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' bhejjem li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju, u l-importazzjoni ta' tajr u bajd għat-tfaqqis ⁽²⁾ minn pajjiżi terzi, u b'mod partikolari l-Artikolu 23(1) tagħha,

Billi:

- (1) Fid-29 ta' Marzu 2017 ir-Renju Unit ippreżenta n-notifika tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). Fil-11 ta' April 2019, il-Kunsill Ewropew adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/584 ⁽³⁾ meħuda bi qbil mar-Renju Unit, li testendi l-perijodu skont l-Artikolu 50(3) tat-TUE. Skont dik id-Deċiżjoni, il-perijodu previst fl-Artikolu 50(3) tat-TUE ġie estiż ulterjorment sal-31 ta' Ottubru 2019. Għalhekk, id-dritt tal-Unjoni ma jibqax japplika fir-Renju Unit mill-1 ta' Novembru 2019 ("id-data tal-ħruġ").
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 ⁽⁴⁾ jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kumpartimenti li minnhom jistgħu jiġu impurtati u jsir tranżitu ta' tjur u prodotti tat-tjur (il-komoditajiet) fl-Unjoni u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja. Dan jistipula li dawk il-komoditajiet jistgħu jiġu impurtati fl-Unjoni u jgħaddu minnha bi tranżitu biss, mill-pajjiżi terzi, mit-territorji, miż-żoni jew mill-kompartmenti mniżżla fil-kolonna 1 u 3 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness I tiegħu.
- (3) Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ipprova l-garanziji neċessarji sabiex dak il-pajjiż u wħud mid-Dipendenzi tal-Kuruna tiegħu jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 798/2008 għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' kunsinni ta' komoditajiet mid-data tal-ħruġ, billi jkompli jikkonforma mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għal perijodu inizjali ta' mill-inqas disa' xhur.
- (4) Għalhekk, meta jitqiesu dawn il-garanziji speċifiċi pprovduti mir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, u sabiex jiġi evitat tfixkil bla bżonn tal-kummerċ wara d-data tal-ħruġ, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u wħud mid-Dipendenzi tal-Kuruna jenħtieġ li jiġu inklużi fil-lista ta' pajjiżi terzi u territorji, żoni jew kumpartimenti stabbiliti fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008, li huma awtorizzati għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' kunsinni tal-komoditajiet.
- (5) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 jiġi emendat skont dan.
- (6) Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mill-1 ta' Novembru 2019, sakemm f'dik id-data d-dritt tal-Unjoni ma jibqax japplika għar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u fih.

⁽¹⁾ ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.⁽²⁾ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 74.⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2019/584 meħuda bi qbil mar-Renju Unit, tal-11 ta' April 2019 li testendi l-perijodu taħt l-Artikolu 50(3) TUE (ĠU L 101, 11.4.2019, p. 1).⁽⁴⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 tat-8 ta' Awwissu 2008 li jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kumpartimenti li minnhom jistgħu jiġu impurtati u jsir tranżitu ta' tjur u prodotti tat-tjur fil-Komunità u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja (ĠU L 226, 23.8.2008, p. 1).

- (7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 għandha tiġi emendata skont it-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidhrol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Novembru 2019.

Madankollu, m'għandux japplika jekk f'dik id-data d-dritt tal-Unjoni jibqa' japplika għar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u fih.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Ottubru 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

Il-linji li ġejjin jiddaħħlu wara l-entrata ta' Ċina fil-parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 hija emendata kif ġej:

Kodiċi ISO u isem il-pajjiż terz jew territorju	Kodiċi tal-pajjiż terz, taż-żona jew tal-kumpartiment	Deskrizzjoni tal-pajjiż terz, territorju, żona jew kompartiment	Ċertifikat veterinarju		Kondizzjonijiet speċifiċi	Kondizzjonijiet speċifiċi		Status ta' sorveljanza tal-influenza tat-tjur	Status tat-tilqim tal-influenza tat-tjur	Status tal-Kontroll tas-Salmonella	
			Mudell(i)	Garanzji addizzjonali		Data tal-ghelug	Data tal-ftuħ				
1	2	3	4	5	6	6 A	6B	7	8	9	
"GB-Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq	GB-0	Il-pajjiż kollu	SPF								
			BPP, BPR, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA, LT20					A			
			WGM								
			EP, E, POU, RAT								
GG-Guernsey	GG-0	Il-pajjiż kollu	BPP, LT20					A"			

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1762**tat-23 ta' Ottubru 2019****li jemenda r-Regolament (UE) Nru 206/2010 fir-rigward tal-inklużjoni tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u tad-Dipendenzi tal-Kuruna tiegħu fil-lista ta' pajjiżi terzi u territorji jew partijiet minnhom awtorizzati għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' annimali partikulari u laħam frisk****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992, li tistabbilixxi l-ħtiġijiet dwar saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ ta', u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali, semen, ova u embrijuni mhux suġġetti għal ħtiġijiet ta' saħħa tal-annimali meħtieġa f'regoli speċifiċi tal-Komunità li hemm referenza għalihom fl-Anness A(l) tad-Direttiva 90/425/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 17(2)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-punti (1) u (4) tal-Artikolu 8 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2004/68/KE tas-26 ta' April 2004 li tistabbilixxi r-regoli tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjoni lejn u t-transitu matul il-Komunità għal ċerti annimali unġulati haġġin, u temenda d-Direttivi 90/426/KEE u 92/65/KEE u tħassar id-Direttiva 72/462/KEE ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) tagħha,

Billi:

- (1) Fid-29 ta' Marzu 2017 ir-Renju Unit ippreżenta n-notifika tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). Fil-11 ta' April 2019, il-Kunsill Ewropew adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/584 ⁽⁴⁾ meħuda bi qbil mar-Renju Unit, li testendi l-perijodu skont l-Artikolu 50(3) tat-TUE. Skont dik id-Deċiżjoni, il-perijodu previst fl-Artikolu 50(3) tat-TUE ġie estiż ulterjorment sal-31 ta' Ottubru 2019. Għalhekk, id-dritt tal-Unjoni ma jibqax japplika fir-Renju Unit mill-1 ta' Novembru 2019 ("id-data tal-ħruġ").
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010 ⁽⁵⁾ li jistabbilixxi listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew partijiet minnhom awtorizzati għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' annimali partikulari u laħam frisk u r-ekwiżiti relatati maċ-ċertifikazzjoni veterinarja. Dan jipprevedi li l-kunsinni ta' unġulati, u tal-laħam frisk ta' dawk l-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem, jistgħu jġu introdotti fl-Unjoni minn pajjiżi terzi biss jekk jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stipulati f'dak ir-Regolament.
- (3) Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ipprovdha l-garanziji neċessarji sabiex dak il-pajjiż jikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 206/2010 għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' kunsinni ta' unġulati, li mħumiex ekwidi, u tal-laħam frisk tal-unġulati inkluż dak tal-ekwidi, u għad-Dipendenzi tal-Kuruna tiegħu għal uħud mill-kommoditajiet, mid-data tal-ħruġ billi jkompli jikkonforma mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għal perijodu inizjali ta' mill-inqas disa' xhur.

⁽¹⁾ ĠU L 268, 14.9.1992, p. 54.

⁽²⁾ ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.

⁽³⁾ ĠU L 139, 30.4.2004, p. 320.

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2019/584 meħuda bi qbil mar-Renju Unit, tal-11 ta' April 2019 li testendi l-perijodu taħt l-Artikolu 50(3) TUE (ĠU L 101, 11.4.2019, p. 1).

⁽⁵⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 206/2010 tat-12 ta' Marzu 2010 li jistabbilixxi listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew partijiet minnhom awtorizzati għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' annimali partikulari u laħam frisk u r-ekwiżiti relatati maċ-ċertifikazzjoni veterinarja (ĠU L 73, 20.3.2010, p. 1).

- (4) Għalhekk, meta jitqiesu dawn il-garanziji speċifiċi pprovduti mir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, u sabiex jiġi evitat tfixkil bla bżonn tal-kummerċ wara d-data tal-ħruġ, ir-Renju Unit u d-Dipendenzi tal-Kuruna tiegħu, jenħtieġ li jiġu inklużi fil-listi ta' pajjiżi terzi u territorji u partijiet minnhom stabbiliti fil-Parti 1 tal-Anness I u fil-Parti 1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 206/2010 li huma awtorizzati għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' kunsinni ta' unġulati, li mhumiex ekwidi, u tal-laħam frisk tal-unġulati inkluż dak tal-ekwidi.
- (5) Għalhekk, jenħtieġ li l-Annessi I u II tar-Regolament (UE) Nru 206/2010 jiġu emendati skont dan.
- (6) Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mill-1 ta' Novembru 2019, sakemm f'dik id-data id-dritt tal-Unjoni ma jibqax japplika għar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u fih.
- (7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi I u II tar-Regolament (UE) Nru 206/2010 huma emendati skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Novembru 2019.

Madankollu, m'għandux japplika jekk f'dik id-data d-dritt tal-Unjoni jibqa' japplika għar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u fih.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Ottubru 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

Ir-Regolament (UE) Nru 206/2010 huwa emendat kif ġej:

(1) Fil-Parti 1 tal-Anness I:

(a) il-linji li ġejjin jiddaħħlu wara l-entrata ta' Ċili:

"GB – Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq	GB-0	Il-pajjiż kollu			
	GB-1	L-Ingilterra, Wales u l-Irlanda ta' Fuq	BOV-X, BOV-Y, OVI-X, OVI-Y, POR-X, POR-Y, RUM, SUI		III, IVa, V, IX
	GB-2	L-Iskozja	BOV-X, BOV-Y, OVI-X, OVI-Y, POR-X, POR-Y, RUM, SUI		II, III, IVa, V, IX
GG – Guernsey	GG-0	Il-pajjiż kollu	BOV-X, OVI-X, POR-X		V, IX"

(b) il-linja li ġejja tiddaħħal wara l-entrata ta' Greenland:

"IM – Isle of Man	IM-0	Il-pajjiż kollu	BOV-X, BOV-Y, OVI-X, OVI-Y, POR-X, POR-Y		II, III, IVa, V, IX"
-------------------	------	-----------------	---	--	-----------------------------

(c) il-linja li ġejja tiddaħħal wara l-entrata tal-Iżlanda:

"JE – Jersey	JE-0	Il-pajjiż kollu	BOV-X, RUM, SUI		IVa"
--------------	------	-----------------	--------------------	--	-------------

(2) Fil-Parti 1 tal-Anness II:

(a) il-linji li ġejjin jiddaħħlu wara l-entrata tal-Gżejjer Falkland:

"GB – Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq	GB-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, POR, EQU, RUF, RUW, SUF, SUW				
GG-Guernsey	GG-0	Il-pajjiż kollu"					

(b) il-linja li ġejja tiddaħħal wara l-entrata ta' Iżrael:

"IM – Isle of Man	IM-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, POR"				
-------------------	------	-----------------	-------------------	--	--	--	--

(c) il-linja li ġejja tiddaħħal wara l-entrata tal-Iżlanda:

"JE – Jersey	JE-0	Il-pajjiż kollu	BOV"				
--------------	------	-----------------	------	--	--	--	--

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/1763

tal-4 ta' Ottubru 2019

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Esperti Tekniċi tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF) fir-rigward ta' ċerti modifiki għall-ispeċifikazzjoni fir-Reġistri Nazżjonali tal-Vetturi (NVR) u għall-Prekrizzjonijiet Tekniċi Uniformi - Applikazzjonijiet telematiċi għas-servizz tat-trasport tal-merkanzija (UTP TAF)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Unjoni aderiet mal-Konvenzjoni li tirrigwarda t-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (COTIF) tad-9 ta' Mejju 1980, kif emendata mill-Protokoll ta' Vilnius tat-3 ta' Ġunju 1999, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/103/UE ⁽¹⁾.
- (2) L-Istati Membri kollha, bl-eċċezzjoni ta' Ċipru u Malta, huma Partijiet kontraenti għall-COTIF.
- (3) L-Artikolu 13 tal-COTIF jiddikjara li l-funzjonament tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF) għandu jiġi żgurat minn, fost oħrajn, il-Kumitat tal-Esperti Tekniċi (CTE). F'konformità mal-ittra e) tal-Artikolu 20 § 1 tal-COTIF u l-Artikolu 13 § 1, 4 u 5 tal-Appendiċi G (ATMF) tiegħu, is-CTE għandu l-kompetenza biex jieħu deċiżjonijiet dwar l-adozzjoni jew il-modifika tal-ispeċifikazzjoni fir-Reġistri Nazżjonali tal-Vetturi. F'konformità mal-ittra b) tal-Artikolu 20 § 1 tal-COTIF u l-Artikolu 6 tal-Appendiċi F (APTU) tiegħu, is-CTE għandu l-kompetenza biex jieħu deċiżjonijiet dwar l-adozzjoni ta' Preskrizzjonijiet Tekniċi Uniformi – Applikazzjonijiet telematiċi għas-servizz tat-trasport tal-merkanzija (UTP TAF) jew dwar l-adozzjoni ta' dispożizzjoni li temenda preskrizzjoni teknika uniformi abbażi tal-Appendiċi F (APTU) u l-Appendiċi G (ATMF) għall-COTIF.
- (4) Fit-12-il sessjoni tagħha, li saret fit-12 u t-13 ta' Ġunju 2019, is-CTE qabel li jniedi l-proċedura bil-miktub sabiex jadotta modifiki għall-ispeċifikazzjoni NVR u għall-Appendiċi I għall-UTP TAF.
- (5) L-objettiv tal-modifiki proposti huwa li l-ispeċifikazzjoni NVR u l-UTP TAF jiġu allinjati mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1614 ⁽²⁾ u mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/778 ⁽³⁾, rispettivament.
- (6) Il-modifiki proposti huma konformi mal-liġi u mal-objettivi strateġiċi tal-Unjoni minħabba li jikkontribwixxu għall-allinjament tal-leġislazzjoni tal-OTIF mal-liġi rilevanti tal-Unjoni, u għalhekk jenħtieġ li jkunu appoġġati mill-Unjoni.

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/103/UE tas-16 ta' Ġunju 2011 dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija dwar l-Adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Konvenzjoni li tirrigwarda t-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (COTIF) tad-9 ta' Mejju 1980, kif emendata mill-Protokoll ta' Vilnius tat-3 ta' Ġunju 1999 (ĠU L 51, 23.2.2013, p. 1).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1614 tal-25 ta' Ottubru 2018 li tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għar-reġistri tal-vetturi msemmija fl-Artikolu 47 tad-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li temenda u tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/756/KE (ĠU L 268, 26.10.2018, p. 53).

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/778 tas-16 ta' Mejju 2019 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1305/2014 fir-rigward tal-Ġestjoni tal-Kontroll tat-Tibdil (ĠU L 139I, 27.5.2019, p. 356).

- (7) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fis-CTE, minħabba li l-modifiki proposti ser ikunu vinkolanti fuq l-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kumitat ta' Esperti Tekniċi (CTE) tal-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF) fir-rigward tal-modifiki għall-ispeċifikazzjoni NVR u għall-Appendiċi I għall-UTP TAF għandha tkun kif ġej:

- (a) vot favur il-modifiki proposti mis-CTE għall-ispeċifikazzjoni NVR, kif stabbilit fid-Dokument ta' Ħidma tas-CTE TECH-19001-CTE12-5.1; u
- (b) vot favur il-modifiki proposti mis-CTE għall-Appendiċi I għall-UTP TAF, kif stabbilit fid-Dokument ta' Ħidma tas-CTE TECH-18037-CTE12-5.2.

Il-pożizzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu għandha tiġi ddikjarata mill-Kummissjoni.

Artikolu 2

Id-deċiżjonijiet tas-CTE, la darba jiġu adottati, għandhom jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, b'indikazzjoni tad-data tad-dħul fis-seħħ tagħhom.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-4 ta' Ottubru 2019.

Għall-Kunsill
Il-President
K. MIKKONEN

DEĊIŻJONI DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1764

tal-14 ta' Marzu 2019

li tissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistemi applikabbli għall-valutazzjoni u għall-verifika tal-kostanza tal-prestazzjoni tal-kittijiet ta' balavostri u tal-kittijiet ta' ringieli balavostri maħsuba biex jintużaw f'xogħlijiet tal-bini unikament biex jipprevjenu l-waqgħat u mhux sottomessi għal tagħbijiet vertikali mill-istruttura

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li jstabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ma teżistix deċiżjoni xierqa għall-valutazzjoni u għall-verifika tal-kostanza tal-prestazzjoni għall-kittijiet ta' balavostri u għall-kittijiet ta' ringieli balavostri maħsuba biex jintużaw f'xogħlijiet tal-bini unikament biex jipprevjenu l-waqgħat u mhux sottomessi għal tagħbijiet vertikali mill-istruttura. Għalhekk hemm bżonn li jiġi stabbilit liema sistemi ta' valutazzjoni u ta' verifika tal-kostanza tal-prestazzjoni huma applikabbli fil-każ ta' dawk il-kittijiet ta' balavostri u l-kittijiet ta' ringieli balavostri.
- (2) Meta titqies l-esperjenza fir-rigward tal-imgħiba tal-prodotti inkwistjoni matul il-ħajja tax-xogħol tagħhom, kif muri fl-istħarriġ imwettaq fir-rigward tar-raġunijiet għalfejn dawn il-prodotti naqsu milli jiksbu l-prestazzjoni ddkjarata, il-valutazzjoni tal-prestazzjoni tagħhom fir-rigward tal-karatteristiċi essenzjali kollha, għajr ir-reazzjoni għan-nar, jenħtieġ li titwettaq mill-manifattur qabel ma l-prodott jitqiegħed fis-suq. Sistemi iktar onerużi mhumiex meħtieġa. Għall-prestazzjoni tar-reazzjoni għan-nar, jenħtieġ li l-għażla tas-sistemi 1, 3 jew 4 titqies bħala xierqa billi ssir referenza għal sottofamilji differenti ta' prodotti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni tapplika għall-kittijiet ta' balavostri u għall-kittijiet ta' ringieli balavostri maħsuba biex jintużaw f'xogħlijiet tal-bini unikament biex jipprevjenu l-waqgħat u mhux sottomessi għal tagħbijiet vertikali mill-istruttura.

Artikolu 2

Il-kittijiet ta' balavostri u l-kittijiet ta' ringieli balavostri msemmija fl-Artikolu 1 għandhom jiġu vvalutati u vverifikati għall-kostanza tal-prestazzjoni fir-rigward tal-karatteristiċi essenzjali tagħhom f'konformità mas-sistemi speċifikati fl-Anness.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Marzu 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

(¹) ĠU L 88, 4.4.2011, p. 5.

ANNEX

SISTEMI TA' VALUTAZZJONI U TA' VERIFIKA TAL-KOSTANZA TAL-PRESTAZZJONI

Tabella 1

Għall-karatteristiċi essenzjali kollha għajr ir-reazzjoni għan-nar

Prodotti u użu maħsub	Sistema applikabbli
Kittijiet ta' balavostri u kittijiet ta' ringieli balavostri maħsuba biex jintużaw f'xogħlijiet tal-bini unikament biex jipprevjenu l-waqgħat u mhux sottomessi għal tagħbijiet vertikali mill-istruttura.	4

Tabella 2

Għar-reazzjoni għan-nar biss

Prodotti u użu maħsub	Sottofamilji tal-prodott	Sistema applikabbli
Kittijiet ta' balavostri u kittijiet ta' ringieli balavostri maħsuba biex jintużaw f'xogħlijiet tal-bini unikament biex jipprevjenu l-waqgħat u mhux sottomessi għal tagħbijiet vertikali mill-istruttura.	Prodotti li għalihom stadju li huwa identifikabbli biċ-ċar fil-proċess tal-produzzjoni jirriżulta f'titjib tal-prestazzjoni tagħhom tar-reazzjoni għan-nar (eż. żieda ta' prodotti li jittardjaw in-nar jew limitazzjoni tal-materjal organiku)	1
	Prodotti li għalihom teżisti bażi ġuridika Ewropea applikabbli biex tiġi kklassifikata l-prestazzjoni tar-reazzjoni għan-nar tagħhom mingħajr ittestjar.	4
	Prodotti li ma jappartjenux għas-sottofamilji l-oħra.	3

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1765

tat-22 ta' Ottubru 2019

li ttiprovdi r-regoli għall-istabbiliment, għall-ġestjoni u għall-funzjonament tan-netwerk ta' awtoritajiet nazzjonali responsabbli għas-Saħħa elettronika, u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/890/UE

(notifikata bid-dokument C(2019) 7460)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(3) tagħha,

Billi:

- (1) L-Artikolu 14 tad-Direttiva 2011/24/UE inkariga lill-Unjoni biex tappoġġa u tiffaċilita l-kooperazzjoni u l-iskambju tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri li jaħdmu fi ħdan netwerk volontarju li jorbot flimkien lill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għas-saħħa elettronika (minn hawn 'il quddiem in- "Netwerk tas-Saħħa elettronika") maħtura mill-Istati Membri.
- (2) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/890/UE ⁽²⁾ ttiprovdi regoli għall-istabbiliment, għall-ġestjoni u għall-funzjonament tan-Netwerk tas-Saħħa elettronika.
- (3) Attwalment, dik id-Deċiżjoni ma ttiprovdux regoli xierqa fir-rigward ta' ċerti aspetti meħtieġa għall-funzjonament trasparenti biżżeġjed tan-Netwerk tas-Saħħa elettronika, b'mod partikolari, rigward ir-rwol tan-Netwerk tas-Saħħa elettronika u tal-Kummissjoni b'rabta mal-Infrastruttura ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa elettronika għas-Servizzi ta' Informazzjoni tas-Saħħa elettronika Transkonfinali, u r-rekwiżiti l-ġodda dwar il-protezzjoni tad-*data* skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-"Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*") ⁽³⁾, u r-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾.
- (4) Il-ġestjoni trasparenti tan-Netwerk tas-Saħħa elettronika jenħtieġ li tiġi żgurata billi jiġu stabbiliti regoli dwar is-sħubija fin-Netwerk tas-Saħħa elettronika u l-irtirar minnu. Peress li l-parteċipazzjoni fin-Netwerk tas-Saħħa elettronika hija volontarja, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jissiehu meta jridu. Għal finijiet organizzattivi, l-Istati Membri li jixtiequ jipparteċipaw jenħtieġ li jinfurmaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom bil-quddiem.

⁽¹⁾ ĠU L 88, 4.4.2011, p. 45.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/890/UE tat-22 ta' Diċembru 2011 li ttiprovdi r-regoli għall-istabbiliment, għall-ġestjoni u għall-funzjonament tan-Netwerk ta' awtoritajiet nazzjonali responsabbli mis-Saħħa elettronika (ĠU L 344, 28.12.2011, p. 48).

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

- (5) Il-komunikazzjoni elettronika hija mezz adattat għall-iskambju rapidu u affidabbli tad-*data* bejn l-Istati Membri li jipparteċipaw fin-*Netwerk tas-Saħħa elettronika*. Kien hemm żviluppi sinifikanti f'dan il-qasam. B'mod partikolari, sabiex jiffaċilitaw l-interoperabbiltà tas-sistemi Ewropej tas-Saħħa elettronika, daww l-Istati Membri li qed jipparteċipaw fin-*Netwerk tas-Saħħa elettronika* li ddeċidew li jipprovdu l-kooperazzjoni tagħhom f'dan il-qasam bl-appoġġ tal-Kummissjoni żviluppaw l-*Infrastruttura ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa elettronika għas-Servizzi ta' Informazzjoni tas-Saħħa elettronika Transkonfinali* bħala għodda tal-IT għall-iskambju ta' *data* dwar is-saħħa taħt il-programm *Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa* ⁽⁵⁾. Jenħtieġ li dawn l-iżviluppi jġu riflessi f'din id-Deċiżjoni. Barra minn hekk, hekk kif ġie enfasizzat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' April 2018 dwar l-iffaċilitar tat-trasformazzjoni diġitali tal-kura u tas-saħħa fis-Suq Uniku Diġitali, l-għoti tas-setgħa liċ-ċittadini u l-bini ta' soċjetà aktar b'saħħitha ⁽⁶⁾, jenħtieġ li jġi ċċarat ir-rwol rispettiv tal-Istati Membri li jipparteċipaw u tal-Kummissjoni b'rabta mal-funzjonament tal-*Infrastruttura ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa elettronika għas-Servizzi ta' Informazzjoni tas-Saħħa elettronika Transkonfinali*.
- (6) Ir-rwol tal-*Infrastruttura ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa elettronika għas-Servizzi ta' Informazzjoni tas-Saħħa elettronika Transkonfinali* jenħtieġ li jkun dak li jġi ffaċilitat l-iskambju transkonfinali ta' *data* dwar is-saħħa bejn l-Istati Membri li jipparteċipaw fin-*Netwerk tas-Saħħa elettronika* kif rikonoxxut fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2017 dwar is-Saħħa fis-Soċjetà Diġitali ⁽⁷⁾ bħad-*data* tal-pazjenti li tinsab fil-*Preskrizzjonijiet elettroniċi* u fis-Sommarji tal-Pazjent u eventwalment freġistri tas-saħħa elettroniċi aktar komprensivi, kif ukoll li jġu żviluppati każijiet ta' użu u dominji tal-informazzjoni tas-saħħa oħrajn.
- (7) L-*Infrastruttura ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa elettronika għas-Servizzi ta' Informazzjoni tas-Saħħa elettronika Transkonfinali* hija magħmula minn servizzi ewlenin u servizzi ġeneriċi kif previst fir-*Regolament (UE) Nru 283/2014 tal-Parlament Ewropew tal-Kunsill* ⁽⁸⁾. Is-servizzi prinċipali jġu żviluppati, implimentati u miżmuma mill-Kummissjoni Ewropea. Flimkien mas-servizzi ġeneriċi, jenħtieġ li dawn jippermettu u jappoġġaw il-konnettività trans-Ewropea. Is-servizzi ġeneriċi jġu żviluppati, implimentati u miżmuma mill-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għas-Saħħa elettronika, maħtura minn kull Stat Membru. Il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għas-Saħħa elettronika, li jużaw is-servizzi ġeneriċi, jgħaqqdu l-*infrastruttura nazzjonali mal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għas-Saħħa elettronika* minn Stat Membru ieħor permezz ta' pjattaformi tas-servizzi prinċipali.
- (8) Sabiex jittejjeb l-iskambju transkonfinali tad-*data* dwar is-saħħa u tinkiseb interoperabbiltà teknika, semantika u organizzattiva bejn is-sistemi nazzjonali tas-Saħħa elettronika, jenħtieġ li n-*Netwerk tas-Saħħa elettronika* jkollu rwol ewlieni fl-elaborazzjoni u fil-koordinazzjoni tar-rekwiżiti u tal-ispeċifikazzjonijiet komuni meħtieġa fil-kuntest tal-*Infrastruttura ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa elettronika għas-Servizzi ta' Informazzjoni tas-Saħħa elettronika Transkonfinali*.
- (9) In-*Netwerk tas-Saħħa elettronika* diġà qed iwettaq diversi attivitajiet fil-qasam tas-saħħa elettronika, li huma spjegati fil-*Programm ta' Ħidma Pluriennali* tiegħu u li prinċipalment għandhom l-għan li jipprovdu gwida, jikkondividu l-prattiki tajba jew isibu metodi komuni ta' kif jaħdmu flimkien. Fost dawn l-attivitajiet hemm pereżempju: il-*ħidma biex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jieħdu rwol attiv fil-ġestjoni tad-*data* tagħhom* stess dwar is-saħħa, fosthom fl-oqsma tas-saħħa elettronika, tas-saħħa mobbli u tat-telemediċina, kif ukoll l-aċċess, l-użu u s-sehem tal-pazjenti tad-*data* tagħhom stess dwar is-saħħa u l-litteriżmu diġitali fis-saħħa tal-pazjenti. Attivitajiet oħra tan-*Netwerk huma marbuta mal-użu innovattiv tad-*data* dwar is-saħħa, inkluż il-Big Data, l-Intelliġenza Artifiċjali, l-iżvilupp ta' għarfien dwar il-politika tal-kura tas-saħħa, inkluż l-għoti ta' gwida dwar il-promozzjoni tas-saħħa, il-prevenzjoni tal-mard u l-għoti mtejjeb ta' kura tas-saħħa permezz ta' użu mtejjeb tad-*data* dwar is-saħħa, fkooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati fil-livell nazzjonali u tal-UE. In-*Netwerk jappoġġa lill-Istati Membri biex jippermettu l-kondiviżjoni u l-użu tad-*data* medika u dwar is-saħħa għas-saħħa pubblika u għar-riċerka. F'konformità mal-Artikolu 14(2)(c) tad-Direttiva 2011/24/UE, dan jappoġġa wkoll lill-Istati Membri biex jiżviluppaw mezzi elettroniċi ta' identifikazzjoni u awtentikazzjoni li jiffaċilitaw it-trasferibbiltà tad-*data* fil-kura tas-saħħa transkonfinali, b'mod**

⁽⁵⁾ Ir-*Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013* li jistabbilixxi l-*Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa*, li jemenda r-*Regolament (UE) Nru 913/2010* u jħassar ir-*Regolamenti (KE) Nru 680/2007* u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129).

⁽⁶⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-iffaċilitar tat-trasformazzjoni diġitali tal-kura u tas-saħħa fis-Suq Uniku Diġitali, l-għoti tas-setgħa liċ-ċittadini u l-bini ta' soċjetà aktar b'saħħitha, COM(2018), 233 final, p. 7.

⁽⁷⁾ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Saħħa fis-Soċjetà Diġitali – nagħmlu progress fl-innovazzjoni xprunata mid-*data* fil-qasam tas-saħħa, 2017/C 440/05, paragrafu 30.

⁽⁸⁾ Ir-*Regolament (UE) Nru 283/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014* dwar linji gwida għal networks trans-Ewropej fil-qasam tal-*infrastruttura tat-telekomunikazzjoni* u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1336/97/KE (ĠU L 86, 21.3.2014, p. 14).

partikolari fir-rigward tal-Infrastruttura ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa elettronika għas-Servizzi ta' Informazzjoni tas-Saħħa elettronika Transkonfinali, filwaqt li jitqies il-qafas tal-eIDAS u azzjonijiet oħra li għaddejjin fil-livell tal-Unjoni.

- (10) In-Netwerk tas-Saħħa elettronika qed jaħdem ukoll biex itejjeb il-kontinwità tal-kura billi jtejjeb l-użu tas-servizz tas-saħħa elettronika transkonfinali, biex jiżviluppa każijiet ta' użu u dominji tal-informazzjoni tas-saħħa ġodda li jiżiedu mas-sommarju tal-pazjent u l-preskrizzjonijiet elettroniċi, kif ukoll biex jegħleb l-isfidi ta' implimentazzjoni marbuta mal-interoperabbiltà, mal-protezzjoni tad-*data* personali, mas-sigurtà tad-*data* jew mal-kompetenzi diġitali għall-professionisti tal-kura tas-saħħa. Dan jiffaċilita wkoll interoperabbiltà akbar tas-sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni nazzjonali u t-trasferibbiltà transfruntiera tad-*data* elettronika dwar is-saħħa fil-kura tas-saħħa transkonfinali billi jipprovdi gwida dwar liema rekwiżiti u speċifikazzjonijiet jenħtieġ li jintużaw biex tinkiseb interoperabbiltà teknika, semantika u organizzattiva bejn is-sistemi nazzjonali diġitali tal-kura tas-saħħa. In-Netwerk qed jaħdem biex irawwem kooperazzjoni aktar b'saħħitha fir-rigward tal-iżvilupp u tal-kondiviżjoni ta' prattiki tajba dwar l-istrateġiji nazzjonali tas-saħħa diġitali, bil-ħsieb li jkun hemm konverġenza għal sistema tas-saħħa elettronika interoperabbli.
- (11) Matul il-preparazzjoni ta' gwida dwar l-aspetti ta' sigurtà tal-iskambju tad-*data*, jenħtieġ li n-Netwerk tas-Saħħa elettronika jibbenefika mill-għarfien espert tal-Grupp ta' Kooperazzjoni dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u tal-Infomazzjoni (NIS) stabbilit skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁹⁾, u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infomazzjoni (ENISIA).
- (12) In-Netwerk tas-Saħħa elettronika qed jipromwovi wkoll l-iskambju tal-fehmiet fost il-Membri tiegħu dwar l-isfidi strateġiċi nazzjonali fir-rigward ta' teknoloġiji u użi tad-*data* ġodda u jenħtieġ li jipromwovi diskussjonijiet ma' fora rilevanti oħra tal-Unjoni (bħall-Grupp ta' Tmexxija dwar il-Promozzjoni tas-Saħħa, il-Prevenzjoni tal-Mard u l-Ġestjoni tal-Mard mhux Komunikabbli jew il-Bord tal-Istati Membri għan-Netwerks Ewropej ta' Referenza) dwar il-prijoritajiet, l-orjentazzjonijiet strateġiċi u l-implimentazzjoni tagħhom.
- (13) Fis-6 ta' Frar 2019, il-Kummissjoni adottat Rakkomandazzjoni dwar il-format tal-iskambju tar-Rekords Elettroniċi tas-Saħħa Ewropej ⁽¹⁰⁾ (ir-“Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni”). Sabiex jappoġġa t-teħid, l-iżvilupp ulterjuri u l-iffaċilitar tal-użu tal-format tal-iskambju tar-Rekords Elettroniċi tas-Saħħa Ewropej, in-Netwerk tas-Saħħa elettronika, b'ħidma konġunta mal-Kummissjoni, il-partijiet ikkonċernati, it-tobba, ir-rappreżentanti tal-pazjenti u l-awtoritajiet rilevanti, huwa mistenni jiżviluppa gwida, jappoġġa ulterjorment l-iżvilupp u l-monitoraġġ tal-format tal-iskambju tar-rekords elettroniċi tas-saħħa u jappoġġa lill-Istati Membri biex jiżguraw il-privatezza u s-sigurtà tal-iskambju tad-*data*. Sabiex isahha l-interoperabbiltà, in-Netwerk żviluppa l-linji gwida għall-investment ⁽¹¹⁾, li jirrakkomandaw li jitqiesu l-istandards u l-ispeċifikazzjonijiet imsemmija fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, b'mod partikolari għall-finijiet tal-proċeduri ta' akkwist.
- (14) Billi l-Infrastruttura ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa elettronika għas-Servizzi ta' Informazzjoni tas-Saħħa elettronika Transkonfinali hija element importanti tal-funzjonament tan-Netwerk, ir-rwol tan-Netwerk tas-Saħħa elettronika fl-Infrastruttura ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa elettronika għas-Servizzi ta' Informazzjoni tas-Saħħa elettronika Transkonfinali u f'servizzi tas-Saħħa elettronika oħra kondiviżi jenħtieġ li jiġi ċċarat sabiex jiġi żgurat l-funzjonament trasparenti tan-Netwerk.
- (15) Sabiex jiġi żgurat l-iskambju effettiv tad-*data* dwar is-saħħa fost l-Istati Membri, in-Netwerk tas-Saħħa elettronika jenħtieġ li jaħdem biex jippermetti lill-Istati Membri jwettqu tali skambju. B'mod partikolari, abbażi tas-sodisfazzjon tar-rekwiżiti predefiniti u tat-testijiet ipprovduti mill-Kummissjoni u l-awditi mwettqa minnha u, jekk possibbli, minn esperti oħra, in-Netwerk tas-Saħħa elettronika jenħtieġ li jkollu l-possibbiltà li jaqbel dwar l-istat ta' thejjiha organizzattiv, semantiku u tekniku tal-Istati Membri kandidati għall-iskambju tad-*data* elettronika tas-saħħa validata u komprensiva għall-każijiet ta' użu adottati permezz tal-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali rispettiv tagħhom għas-Saħħa elettronika u l-konformità kontinwa tagħhom f'dak ir-rigward.

⁽⁹⁾ Id-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni (ĠU L 194, 19.7.2016, p. 1).

⁽¹⁰⁾ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/243 tas-6 ta' Frar 2019 dwar format tal-iskambju tar-Rekords Elettroniċi tas-Saħħa Ewropej (ĠU L 39, 11.2.2019, p. 18).

⁽¹¹⁾ https://ec.europa.eu/health/sites/health/files/ehealth/docs/ev_20190611_co922_en.pdf

- (16) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament effettiv u trasparenti tan-Netwerk, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli dwar l-adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura u l-programm ta' ħidma pluriennali, kif ukoll il-ħolqien ta' sottogrupperi sabiex jiġi żgurat il-funzjonament effettiv tan-Netwerk tas-Saħħa elettronika. Ir-Regoli ta' Proċedura jenħtieġ li jispeċifikaw il-proċedura għad-deċiżjonijiet li jirrigwardaw l-iskambju tad-*data* personali permezz tal-Infrastruttura ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa elettronika għas-Servizzi ta' Informazzjoni tas-Saħħa elettronika Transkonfinali, kif deskritt hawn fuq.
- (17) Il-Membri Interessati tan-Netwerk tas-Saħħa elettronika jistgħu jipprovdu l-kooperazzjoni tagħhom fl-oqsma koperti mill-kompiti tan-Netwerk. Tali kooperazzjoni hija mmexxija mill-Istati Membri u hija ta' natura volontarja. Dan huwa l-każ għall-Infrastruttura ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa elettronika għas-Servizzi ta' Informazzjoni tas-Saħħa elettronika Transkonfinali u jista' wkoll ikun il-każ għal Servizzi Ewropej tas-Saħħa elettronika kondiviżi oħra li ġew żviluppati fil-qafas tan-Netwerk tas-Saħħa elettronika. Fejn l-Istati Membri jagħżlu li jipprovdu l-kooperazzjoni tagħhom, dawn jenħtieġ li jaqblu dwar ir-regoli ta' dik il-kooperazzjoni u jimpenjaw ruħhom fir-rigward tagħhom.
- (18) Sabiex jiġi żgurat aktar il-funzjonament trasparenti tan-Netwerk tas-Saħħa elettronika, jenħtieġ li tiġi stabbilita r-relazzjoni tiegħu mal-Kummissjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-kompiti tan-Netwerk tas-Saħħa elettronika u r-rwol tal-Kummissjoni fl-iskambju transkonfinali tad-*data* dwar is-saħħa permezz tal-Infrastruttura ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa elettronika għas-Servizzi ta' Informazzjoni tas-Saħħa elettronika Transkonfinali.
- (19) L-ipproċessar tad-*data* personali tal-pazjenti, tar-rappreżentanti tal-Istati Membri, tal-esperti u tal-osservaturi li jipparteċipaw fin-Netwerk tas-Saħħa elettronika, li jitwettaq taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri jew ta' organizzazzjonijiet jew korpi pubbliċi oħra fl-Istati Membri, jenħtieġ li jitwettqu f'konformità mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* u d-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹²⁾. Id-*data* personali tar-rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għas-Saħħa elettronika, ta' rappreżentanti oħra tal-Istati Membri, tal-esperti u tal-osservaturi li jipparteċipaw fin-Netwerk tas-Saħħa elettronika għandhom jiġu pproċessati mill-Kummissjoni f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725. L-ipproċessar tad-*data* personali għall-fini tal-ġestjoni u l-iżgurar tas-sigurtà tas-servizzi ewlenin tal-Infrastruttura ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa elettronika għas-Servizzi ta' Informazzjoni tas-Saħħa elettronika Transkonfinali li jitwettaq taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni jenħtieġ li jikkonforma mar-Regolament (UE) 2018/1725.
- (20) L-Istati Membri, irrappreżentati mill-Awtoritajiet Nazzjonali rilevanti jew minn korpi maħtura oħra responsabbli, jiddeterminaw flimkien l-iskop u l-mezz tal-ipproċessar tad-*data* personali permezz tal-Infrastruttura ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa elettronika għas-Servizzi ta' Informazzjoni tas-Saħħa elettronika Transkonfinali u għalhekk huma kontrolluri. Ir-responsabbiltajiet rispettivi ta' bejn il-kontrolluri jenħtieġ li jiġu definiti f'arranġament separat. Il-Kummissjoni, bħala fornitur ta' soluzzjonijiet tekniċi u organizzattivi tal-Infrastruttura ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa elettronika għas-Servizzi ta' Informazzjoni tas-Saħħa elettronika Transkonfinali, tipproċessa d-*data* personali kriptata tal-pazjenti f'isem l-Istati Membri bejn il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għas-Saħħa elettronika u għaldaqstant hija proċessur. Skont l-Artikolu 28 tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* u l-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) 2018/1725, l-ipproċessar minn proċessur għandu jkun regolat minn kuntratt jew att legali skont il-liġi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru, li jorbot lill-proċessur fir-rigward tal-kontrollur, u li jispeċifika l-ipproċessar. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi regoli li jirregolaw l-ipproċessar mill-Kummissjoni bħala proċessur.
- (21) Sabiex jiġi żgurati drittijiet ta' aċċess ugwali fuq il-bażi tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* u r-Regolament (UE) 2018/1725, il-Kummissjoni jenħtieġ li titqies bħala l-kontrollur tad-*data* personali fir-rigward tal-ġestjoni tad-drittijiet ta' aċċess għall-Infrastruttura ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa elettronika għas-Servizzi ta' Informazzjoni tas-Saħħa elettronika Transkonfinali
- (22) Sabiex il-proċeduri ta' rimborż isiru trasparenti, jenħtieġ li jkun stabbiliti r-regoli dwar l-ispejjeż tal-parteeipanti fl-attivitajiet tan-Netwerk tas-Saħħa elettronika.
- (23) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/890/UE jenħtieġ għalhekk li titfassar u tiġi sostitwita b'din id-Deċiżjoni għal raġunijiet ta' ċertezza u ċarezza ġuridika.

⁽¹²⁾ Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-*data* personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).

- (24) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat imwaqqaf skont l-Artikolu 16 tad-Direttiva 2011/24/UE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Suġġett

Din id-Deċiżjoni tipprovdi r-regoli meħtieġa għall-istabbiliment, għall-ġestjoni u għall-funzjonament tan-Netwerk tas-Saħħa elettronika tal-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għas-Saħħa elettronika, kif stipulat bl-Artikolu 14 tad-Direttiva 2011/24/UE.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni:

- (a) "Netwerk tas-Saħħa elettronika" tfisser in-netwerk volontarju li jgħaqqad flimkien l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għas-Saħħa elettronika li ġew maħtura mill-Istati Membri u li jsegwi l-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 14 tad-Direttiva 2011/24/UE;
- (b) "Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għas-Saħħa elettronika" tfisser il-portali organizzattivi u tekniċi għall-forniment ta' Servizzi ta' Informazzjoni tas-Saħħa elettronika Transkonfinali taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri;
- (c) "Servizzi ta' Informazzjoni tas-Saħħa elettronika Transkonfinali" tfisser is-servizzi eżistenti li jiġu pproċessati permezz tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għas-Saħħa elettronika u permezz ta' pjattaforma ta' servizzi ewlenija żviluppata mill-Kummissjoni għall-fini tal-kura tas-saħħa transkonfinali;
- (d) "Infrastruttura ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa elettronika għas-Servizzi ta' Informazzjoni tas-Saħħa elettronika Transkonfinali" tfisser l-infrastruttura li tippermetti l-forniment ta' Servizzi ta' Informazzjoni tas-Saħħa elettronika permezz tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għas-Saħħa elettronika u l-pjattaforma Ewropea ta' servizzi ewlenija. Din l-infrastruttura tinkludi kemm is-servizzi ġeneriċi, kif definiti fl-Artikolu 2(2)(e) tar-Regolament (UE) Nru 283/2014, żviluppata mill-Istati Membri u l-pjattaforma ta' servizzi ewlenija, kif definita fl-Artikolu 2(2)(d) tiegħu, żviluppata mill-Kummissjoni;
- (e) "Servizzi Ewropej tas-Saħħa elettronika kondiviżi oħrajn" tfisser is-servizzi diġitali li jistgħu jiġu żviluppata fil-qafas tan-Netwerk tas-Saħħa elettronika u jiġu kondiviżi bejn l-Istati Membri;
- (f) "mudell ta' governanza" tfisser sett ta' regoli li jikkonċernaw il-ħatra ta' korpi li jipparteċipaw fi proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet li jikkonċernaw l-Infrastruttura ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa elettronika għas-Servizzi ta' Informazzjoni tas-Saħħa elettronika Transkonfinali jew Servizzi Ewropej tas-Saħħa elettronika kondiviżi oħrajn fil-qafas tan-Netwerk tas-Saħħa elettronika, kif ukoll deskrizzjoni ta' dawk il-proċessi.

2. Id-definizzjonijiet fil-punti (1), (2), (7) u (8) tal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2016/679 għandhom japplikaw skont dan.

Artikolu 3

Sħubija fin-Netwerk tas-Saħħa elettronika

1. Il-membri tan-Netwerk tas-Saħħa elettronika għandhom ikunu l-awtoritajiet tal-Istati Membri responsabbli għas-Saħħa elettronika li jinħatru minn dawk l-Istati Membri li jipparteċipaw fin-Netwerk tas-Saħħa elettronika.

2. L-Istati Membri li jixtiequ jipparteċipaw fin-Netwerk tas-Saħħa elettronika għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-miktub dwar:

- (a) id-deċiżjoni li jipparteċipaw fin-Netwerk tas-Saħħa elettronika;
- (b) l-awtorità nazzjonali responsabbli mis-Saħħa elettronika li se ssir Membru tan-Netwerk tas-Saħħa elettronika, kif ukoll l-isem tar-rappreżentant u dak tas-sostitut tiegħu/tagħha.

3. Il-Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-miktub b'dan li ġej:
 - (a) id-deċiżjoni tagħhom li jirtiraw min-Netwerk tas-Saħħa elettronika;
 - (b) kwalunkwe bidliet fl-informazzjoni msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 2.
4. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku l-listi ta' Membri li jipparteċipaw fin-Netwerk tas-Saħħa elettronika.

Artikolu 4

Attivitajiet tan-Netwerk tas-Saħħa elettronika

1. Sabiex tilħaq l-oġġettiv imsemmi fl-Artikolu 14(2)(a) tad-Direttiva 2011/24/UE, in-Netwerk tas-Saħħa elettronika jista', b'mod partikolari:
 - (a) jiffaċilita interoperabbiltà akbar tas-sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni nazzjonali u t-trasferibbiltà transfruntiera tad-*data* elettronika dwar is-saħħa fil-kura tas-saħħa transkonfinali;
 - (b) jipprovdi gwida lill-Istati Membri, f'kooperazzjoni ma' awtoritajiet superviżorji kompetenti oħra, b'rabta mal-kondiviżjoni ta' *data* dwar is-saħħa bejn l-Istati Membri u l-għoti tas-setgħa liċ-ċittadini biex jaċċessaw u jikkondividu d-*data* tagħhom stess;
 - (c) jipprovdi gwida lill-Istati Membri u jiffaċilita l-iskambju ta' prattiki tajba dwar l-iżvilupp ta' diversi servizzi tas-saħħa diġitali bħat-telemediċina, is-saħħa mobbli jew it-teknoloġiji l-ġodda fil-qasam tal-big data u tal-intelliġenza artifiċjali, filwaqt li jqis l-azzjonijiet li għaddejjin bħalissa fil-livell tal-UE;
 - (d) jipprovdi gwida lill-Istati Membri rigward l-appoġġ għall-promozzjoni tas-saħħa, għall-prevenzjoni tal-mard u għall-għoti mtejjeb ta' kura tas-saħħa permezz ta' użu mtejjeb tad-*data* dwar is-saħħa u billi jittejjbu l-ħiliet diġitali tal-pazjenti u tal-professjonisti tal-kura tas-saħħa;
 - (e) jipprovdi gwida lill-Istati Membri u jiffaċilita skambju volontarju tal-aħjar prattiċi dwar l-investimenti fl-infrastruttura diġitali;
 - (f) jipprovdi gwida, f'kollaborazzjoni ma' korpi rilevanti u partijiet ikkonċernati oħra, lill-Istati Membri dwar il-każijiet ta' użu meħtieġa għall-interoperabbiltà klinika u l-għodod biex tinkiseb;
 - (g) jipprovdi gwida lill-Membri dwar is-sigurtà tal-Infrastruttura ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa elettronika għas-Servizzi ta' Informazzjoni tas-Saħħa elettronika Transkonfinali jew ta' Servizzi Ewropej tas-Saħħa elettronika kondiviżi oħra li ġew żviluppati fil-qafas tan-Netwerk tas-Saħħa elettronika, li tqis il-leġiżlazzjoni u d-dokumenti elaborati fil-livell tal-Unjoni b'mod partikolari fil-qasam tas-sigurtà, kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet fil-qasam taç-ċibersigurtà, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Grupp ta' Kooperazzjoni dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u tal-Infomazzjoni u mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u tal-Infomazzjoni u mal-awtoritajiet nazzjonali, fejn rilevanti.
2. Fit-tfassil tal-linji gwida dwar metodi effettivi li jippermettu l-użu ta' informazzjoni medika għas-saħħa pubblika u r-riċerka msemmija fl-Artikolu 14(2)(b)(ii) tad-Direttiva 2011/24/UE, in-Netwerk tas-Saħħa elettronika għandu jqis il-linji gwida adottati mill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* u fejn xieraq, jikkonsulta miegħu. Dawn il-linji gwida jistgħu jindirizzaw ukoll l-informazzjoni skambjata permezz tal-Infrastruttura ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa elettronika għas-Servizzi ta' Informazzjoni tas-Saħħa elettronika Transkonfinali jew ta' Servizzi Ewropej tas-Saħħa elettronika kondiviżi oħrajn.

Artikolu 5

Funzjonament tan-Netwerk tas-Saħħa elettronika

1. In-Netwerk tas-Saħħa elettronika għandu jstabbilixxi r-Regoli ta' Proċedura tiegħu stess, b'maġġoranza sempliċi tal-Membri tiegħu.
2. In-Netwerk tas-Saħħa elettronika għandu jadotta programm ta' ħidma pluriennali u strument ta' evalwazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-programm.

3. Sabiex iwettaq il-kompiti tiegħu, in-Netwerk tas-Saħħa elettronika jista' jistabbilixxi sottogrupperi permanenti b'rabta ma' kompiti speċifiċi, b'mod partikolari dawk marbuta mal-Infrastruttura ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa elettronika għas-Servizzi ta' Informazzjoni tas-Saħħa elettronika Transkonfinali u ma' Servizzi Ewropej tas-Saħħa elettronika kondiviżi oħra li ġew żviluppatti fil-qafas tan-Netwerk tas-Saħħa elettronika.
4. In-Netwerk tas-Saħħa elettronika jista' wkoll jistabbilixxi sottogrupperi temporanji, inkluż b'esperti sabiex jeżaminaw kwistjonijiet speċifiċi abbażi tat-termini ta' referenza definiti min-Netwerk tas-Saħħa elettronika stess. Sottogrupperi ta' dan it-tip għandhom jiġu xolti malli jwettqu l-mandat tagħhom.
5. Meta l-Membri tan-Netwerk tas-Saħħa elettronika jiddeċiedu li jipprovdu l-kooperazzjoni tagħhom f'xi oqsma koperti mill-kompiti tan-Netwerk tas-Saħħa elettronika, jenħtieġ li jiftiehm u dwar ir-regoli tal-kooperazzjoni pprovduta u jimpennjaw ruħhom għalihom.
6. Fit-tweqqi tal-objettivi tiegħu, in-Netwerk tas-Saħħa elettronika għandu jaħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Azzjonijiet Konġunti li jappoġġaw l-attivitajiet tan-Netwerk tas-Saħħa elettronika fejn tali azzjonijiet konġunti jeżistu, mal-partijiet ikkonċernati jew ma' korpi jew mekkaniżmi ta' appoġġ ikkonċernati oħra u għandu jqis ir-riżultati miksuba fil-qafas ta' dawk l-attivitajiet.
7. In-Netwerk tas-Saħħa elettronika għandu jelabora, flimkien mal-Kummissjoni, il-mudelli ta' governanza tal-Infrastruttura ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa elettronika għas-Servizzi ta' Informazzjoni tas-Saħħa elettronika Transkonfinali u jipparteċipa f'dik il-governanza billi:
 - (i) jaqbel dwar il-prijoritajiet tal-Infrastruttura ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa elettronika, u jissorvelja l-operazzjoni tagħhom;
 - (ii) ifassal linji gwida u rekwiżiti għall-operazzjoni, inkluż l-għażla ta' standards użati għall-Infrastruttura ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa elettronika għas-Servizzi ta' Informazzjoni tas-Saħħa elettronika Transkonfinali;
 - (iii) jaqbel jew le jekk il-Membri tan-Netwerk tas-Saħħa elettronika għandhomx jitħallew jibded u jkomplu jiskambjaw id-data tas-Saħħa elettronika permezz tal-Infrastruttura ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa elettronika għas-Servizzi ta' Informazzjoni tas-Saħħa elettronika Transkonfinali permezz tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tagħhom għas-Saħħa elettronika, abbażi tal-konformità tagħhom mar-rekwiżiti stabbiliti min-Netwerk tas-Saħħa elettronika, kif evalwata mit-testijiet ipprovduti mill-Kummissjoni u l-awditu mwettqa minnha;
 - (iv) japprova l-pjan ta' ħidma annwali għall-Infrastruttura ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa elettronika għas-Servizzi ta' Informazzjoni tas-Saħħa elettronika Transkonfinali.
8. In-Netwerk tas-Saħħa elettronika jista' jelabora, flimkien mal-Kummissjoni, il-mudelli ta' governanza ta' Servizzi Ewropej tas-Saħħa elettronika kondiviżi oħra li ġew żviluppatti fil-qafas tan-Netwerk tas-Saħħa elettronika u jipparteċipa fil-governanza tagħhom. In-Netwerk jista' wkoll jistabbilixxi l-prijoritajiet, flimkien mal-Kummissjoni, u jfassal il-linji gwida għall-operazzjoni ta' Servizzi Ewropej tas-Saħħa elettronika bħal dawn.
9. Ir-Regoli ta' Proċedura jistgħu jipprevedu li pajjiżi, li mhumiex Stati Membri u li japplikaw id-Direttiva 2011/24/UE, jistgħu jipparteċipaw fil-laqqgħat tan-Netwerk tas-Saħħa elettronika bħala osservaturi.
10. Il-membri tan-Netwerk tas-Saħħa elettronika u r-rappreżentanti tagħhom, kif ukoll l-esperti u l-osservaturi mistiedna, għandhom jikkonformaw mal-obbligi tas-segretzza professjonali kif stabbiliti fl-Artikolu 339 tat-Trattat, kif ukoll mar-regoli tal-Kummissjoni dwar is-sigurtà li għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni tat-tagħrif ikklassifikat tal-UE, kif stabbiliti fid-Deċizzjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444 ⁽¹³⁾. Jekk jonqsu milli jħarsu dawn l-obbligi, il-President tan-Netwerk tas-Saħħa elettronika jista' jieħu l-miżuri xierqa kollha kif previst fir-Regoli ta' Proċedura.

Artikolu 6

Relazzjoni bejn in-Netwerk tas-Saħħa elettronika u l-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha:
 - (a) tattendi u tikkopresiedi l-laqqgħat tan-Netwerk tas-Saħħa elettronika flimkien mar-rappreżentant tal-Membri;

⁽¹³⁾ Id-Deċizzjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli tas-Sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 53).

- (b) tikkoopera man-Netwerk tas-Saħħa elettronika u tipprovdi appoġġ fir-rigward tal-attivitajiet tiegħu;
 - (c) tipprovdi servizzi segretarjali għan-Netwerk tas-Saħħa elettronika;
 - (d) tiżviluppa, timplimenta u żżomm miżuri tekniċi u organizzattivi marbuta mas-servizzi ewlenin tal-Infrastruttura ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa elettronika għas-Servizzi ta' Informazzjoni tas-Saħħa elettronika Transkonfinali;
 - (e) tappoġġa lin-Netwerk tas-Saħħa elettronika biex jasal għal qbil dwar il-konformità teknika u organizzattiva tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għas-Saħħa elettronika mar-rekwiżiti għall-iskambju transkonfinali ta' *data* dwar is-saħħa billi tipprovdi u twettaq it-testijiet u l-awditi meħtieġa. L-esperti mill-Istati Membri jistgħu jgħinu lill-awdituri tal-Kummissjoni.
2. Il-Kummissjoni tista' tattendi l-laqgħat tas-sottogruppi tan-Netwerk tas-Saħħa elettronika.
 3. Il-Kummissjoni tista' tikkonsulta man-Netwerk tas-Saħħa elettronika dwar kwistjonijiet relatati mas-Saħħa elettronika fil-livell tal-Unjoni u mal-iskambju tal-aħjar prattiki tas-Saħħa elettronika.
 4. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku l-informazzjoni dwar l-attivitajiet imwettqa min-Netwerk tas-Saħħa elettronika.

Artikolu 7

Protezzjoni tad-data

1. L-Istati Membri, irrappreżentati mill-Awtoritajiet Nazzjonali rilevanti jew minn korpi maħtura oħra responsabbli għandhom jitqiesu bħala kontrolluri tad-*data* personali li jipproċessaw permezz tal-Infrastruttura ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa elettronika għas-Servizzi ta' Informazzjoni tas-Saħħa elettronika Transkonfinali u għandhom jallokaw ir-responsabbiltajiet bejn il-kontrolluri b'mod ċar u trasparenti.
2. Il-Kummissjoni għandha titqies bħala proċessur tad-*data* għad-*data* personali tal-pazjenti li tiġi pproċessata permezz tal-Infrastruttura ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa elettronika għas-Servizzi ta' Informazzjoni tas-Saħħa elettronika Transkonfinali. Fil-kapaċità tagħha bħala proċessur, il-Kummissjoni għandha tieħu ħsieb is-servizzi ewlenin tal-Infrastruttura ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa elettronika għas-Servizzi ta' Informazzjoni tas-Saħħa elettronika Transkonfinali u għandha tikkonforma mal-obbligi ta' proċessur stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni. Il-Kummissjoni ma għandhiex ikollha aċċess għad-*data* personali tal-pazjenti pproċessata permezz tal-Infrastruttura ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa elettronika għas-Servizzi ta' Informazzjoni tas-Saħħa elettronika Transkonfinali.
3. Il-Kummissjoni għandha titqies bħala kontrollur tal-ipproċessar tad-*data* personali meħtieġa biex jingħataw u jiġu ġestiti d-drittijiet ta' aċċess għas-servizzi ewlenin tal-Infrastruttura ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa elettronika għas-Servizzi ta' Informazzjoni tas-Saħħa elettronika Transkonfinali. Tali *data* tinkludi d-dettalji ta' kuntatt tal-utenti, inkluż l-isem, il-kunjom u l-indirizz tal-posta elettronika u l-affiljazzjoni tagħhom.

Artikolu 8

Spejjeż

1. Il-parteċipanti fl-attivitajiet tan-Netwerk tas-Saħħa elettronika ma għandhomx jitħallsu mill-Kummissjoni għas-servizzi tagħhom.
2. L-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza mġarrba mill-parteċipanti fl-attivitajiet tan-Netwerk tas-Saħħa elettronika għandhom jiġu rimborżati mill-Kummissjoni f'konformità mad-dispożizzjonijiet fis-seħħ fi ħdan il-Kummissjoni dwar ir-rimborż tal-ispejjeż li jġarrbu l-persuni minn barra l-Kummissjoni li jkunu mistiedna biex jattendu laqgħat fil-kapaċità tagħhom ta' esperti. Dawn l-ispejjeż għandhom jiġu rimborżati lura fil-limiti tal-appropriazzjonijiet disponibbli, allokati skont il-proċedura annwali għall-allokazzjoni tar-riżorsi.

*Artikolu 9***Tħassir**

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/890/UE hija mħassra. Ir-referenzi għad-Deċiżjoni mħassra għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 10***Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Ottubru 2019.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membri tal-Kummissjoni

ANNEX

RESPONSABILITAJIET TAL-KUMMISSJONI BĦALA PROĊESSUR TAD-DATA GĦALL-INFRASTRUTTURA TA' SERVIZZI DIĠITALI TAS-SAĦĦA ELETRONIKA GĦAS-SERVIZZI TA' INFORMAZZJONI TAS-SAĦĦA ELETRONIKA TRANSKONFINALI

Il-Kummissjoni għandha:

1. Tistabbilixxi u tiżgura infrastruttura ta' komunikazzjoni sigura u affidabbli li tgħaqqad in-netwerks tal-Membri tan-Netwerk tas-Saħħa elettronika involuti fl-Infrastruttura ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa elettronika għas-Servizzi ta' Informazzjoni tas-Saħħa Elettronika Transkonfinali ("Infrastruttura ta' Komunikazzjoni Ċentrali Sigura"). Biex tissodisfa l-obbligi tagħha, il-Kummissjoni tista' tqabbd lil partijiet terzi. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-istess obbligi tal-protezzjoni tad-*data* kif stabbiliti f'din id-Deċiżjoni japplikaw għal dawn il-partijiet terzi.
2. Tikkonfigura parti mill-Infrastruttura ta' Komunikazzjoni Ċentrali Sigura b'tali mod li l-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għas-Saħħa elettronika jkunu jistgħu jiskambjaw l-informazzjoni b'mod sigur, affidabbli u effiċjenti.
3. Il-Kummissjoni għandha tipproċessa d-*data* personali dwar l-istruzzjonijiet dokumentati mill-Kontrolluri.
4. Tiegħu l-miżuri ta' sigurtà organizzattivi, fiżiċi u loġiċi kollha sabiex tmantni l-Infrastruttura ta' Komunikazzjoni Ċentrali Sigura. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha:
 - (a) taħtar entità responsabbli għall-ġestjoni tas-sigurtà fil-livell tal-Infrastruttura ta' Komunikazzjoni Ċentrali Sigura, tikkomunika lill-kontrolluri tad-*data* l-informazzjoni ta' kuntatt tagħha u tiżgura d-disponibbiltà tagħha li tirreaġixxi għal theddid ta' sigurtà;
 - (b) tassumi r-responsabbiltà tas-sigurtà tal-Infrastruttura ta' Komunikazzjoni Ċentrali Sigura;
 - (c) tiżgura li l-individwi kollha li jingħataw aċċess għall-Infrastruttura ta' Komunikazzjoni Ċentrali Sigura jkunu soġġetti għal obbligu ta' kunfidenzjalità kuntrattwali, professjonali jew statutorju;
 - (d) tiżgura li l-persunal li jkollu aċċess għall-informazzjoni kklassifikata jkun jissodisfa l-kriterji korrispondenti tal-awtorizzazzjoni u tal-kunfidenzjalità.
5. Tiegħu l-miżuri ta' sigurtà kollha meħtieġa biex tevita li tikkomprometti l-funzjonament operazzjonali bla xkiel tad-dominju ta' ħaddieħor. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-proċeduri speċifiċi rigward il-konnessjoni mal-Infrastruttura ta' Komunikazzjoni Ċentrali Sigura. Din l-informazzjoni tinkludi:
 - (a) il-proċedura ta' valutazzjoni tar-riskju, sabiex jiġu identifikati u stmati t-theddidiet potenzjali għas-sistema;
 - (b) l-awditu u l-proċedura ta' rieżami sabiex:
 - (i) tiġi kkontrollata l-korrispondenza bejn il-miżuri ta' sigurtà implimentati u l-politika ta' sigurtà applikabbli;
 - (ii) tiġi kkontrollata fuq bażi regolari l-integrità tal-fajls tas-sistema, tal-parametri tas-sigurtà u tal-awtorizzazzjonijiet mogħtija;
 - (iii) ikun hemm monitoraġġ sabiex jiġi identifikat kwalunkwe ksur ta' sigurtà jew intrużjoni;
 - (iv) jiġu implimentati l-bidliet sabiex jiġu evitati d-dgħufijiet ta' sigurtà eżistenti u
 - (v) jiġu ddefiniti l-kondizzjonijiet li bihom jiġu awtorizzati awditi indipendenti, inkluż spezzjonijiet, anke fuq talba tal-kontrolluri u jikkontribwixxu għat-tweġiq ta' tali awditi u rieżamijiet tal-miżuri ta' sigurtà.
 - (c) il-proċedura ta' kontroll tal-bidla sabiex jiġi ddokumentat u jitkejjel l-impatt ta' bidla qabel l-implimentazzjoni tagħha u sabiex il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali dwar is-Saħħa elettronika jinżammu informati dwar kwalunkwe bidla li tista' taffettwa l-komunikazzjoni ma' infrastrutturi nazzjonali oħra u/jew is-sigurtà tagħhom;
 - (d) il-proċedura ta' manutenzjoni u tiswija biex jiġu speċifikati r-regoli u l-kundizzjonijiet li jridu jiġu segwiti meta jkun hemm il-ħtieġa ta' manutenzjoni u/jew tiswija;
 - (e) il-proċedura ta' inċident tas-sigurtà sabiex tiġi ddefinita l-iskema ta' rappurta u ta' eskalazzjoni, jiġu informati mingħajr dewmien l-amministrazzjonijiet nazzjonali responsabbli, kif ukoll il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* bi kwalunkwe ksur tas-sigurtà u jiġi ddefinit proċess dixxiplinari biex jittratta mal-ksur ta' sigurtà.

6. Tieħu miżuri ta' sigurtà fiżiċi u/jew loġiċi għall-faċilitajiet li jospitaw tagħmir tal-Infrastruttura ta' Komunikazzjoni Ċentrali Sigura u għall-kontrolli tad-*data* loġika u l-aċċess tas-sigurtà. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha:
 - (a) tiżgura sigurtà fiżika biex tistabbilixxi perimetri ta' sigurtà distintivi u tippermetti l-identifikazzjoni ta' ksur;
 - (b) tikkontrolla l-aċċess għall-faċilitajiet u ż-żamma ta' reġistru tal-viżitaturi għall-finijiet tat-traċċar;
 - (c) tiżgura li l-persuni esterni li jingħataw aċċess għall-bini jiġu skortati minn persunal debitament awtorizzat tal-organizzazzjoni rispettiva tagħha;
 - (d) tiżgura li t-tagħmir ma jkunx jista' jiġi miżjud, sostitwit jew imneħħi mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel tal-korpi responsabbli maħtura;
 - (e) tikkontrolla l-aċċess min-netwerks oħra jew lejhom li jkunu interkonnessi mal-Infrastruttura ta' Komunikazzjoni Ċentrali Sigura;
 - (f) tiżgura li l-individwi li jaċċessaw l-Infrastruttura ta' Komunikazzjoni Ċentrali Sigura jiġu identifikati u awtentikati;
 - (g) tirvedi d-drittijiet tal-awtorizzazzjoni marbuta mal-aċċess għall-Infrastruttura ta' Komunikazzjoni Ċentrali Sigura f'każ ta' ksur tas-sigurtà li jaffettwa din l-infrastruttura;
 - (h) iżżomm l-integrità tal-informazzjoni trażmessa permezz tal-Infrastruttura ta' Komunikazzjoni Ċentrali Sigura;
 - (i) timplimenta miżuri ta' sigurtà tekniċi u organizzattivi għall-prevenzjoni ta' aċċess mhux awtorizzat għal *data* personali;
 - (j) timplimenta, kull meta jkun meħtieġ, miżuri li jimblukkaw l-aċċess għall-Infrastruttura ta' Komunikazzjoni Ċentrali Sigura mid-dominju tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għas-Saħħa elettronika (jiġifieri: Imblokkar ta' post/indirizz IP).
 7. Tieħu l-passi biex tipproteġi d-dominju tagħha, inkluż billi taqta-konnessjonijiet, f'każ ta' devjazzjoni sostanzjali mill-prinċipji u l-kunċetti ta' kwalità jew ta' sigurtà.
 8. Iżżomm pjan ta' ġestjoni tar-riskju marbut mal-qasam ta' responsabbiltà tagħha.
 9. Tissorvelja – f'ħin reali – il-prestazzjoni tal-komponenti tas-servizz kollha tas-servizzi tal-Infrastruttura ta' Komunikazzjoni Ċentrali Sigura, tipprovdi statistiċi regolari u iżżomm ir-rekords.
 10. Tipprovdi appoġġ għas-servizzi kollha tal-Infrastruttura ta' Komunikazzjoni Ċentrali Sigura bl-Ingliż kuljum u f'kull ħin permezz tat-telefon, tal-posta jew tal-Portal Web u taċċetta t-telefonati mill-persuni awtorizzati: il-koordinaturi tal-Infrastruttura ta' Komunikazzjoni Ċentrali Sigura u l-helpdesks rispettivi tagħhom, l-Uffiċjali tal-Proġetti u l-persuni maħtura mill-Kummissjoni.
 11. Tappoġġa lill-kontrolluri billi tipprovdi informazzjoni dwar l-Infrastruttura ta' Komunikazzjoni Ċentrali Sigura tal-Infrastruttura ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa elettronika għas-Servizzi ta' Informazzjoni tas-Saħħa Elettronika Transkonfinali, sabiex timplimenta l-obbligi tal-Artikoli 35 u 36 tar-Regolament (UE) 2016/679.
 12. Tiżgura li d-*data* trasportata fl-Infrastruttura ta' Komunikazzjoni Ċentrali Sigura tkun kriptata.
 13. Tieħu l-miżuri kollha rilevanti biex tipprevjeni li l-operaturi tal-Infrastruttura ta' Komunikazzjoni Ċentrali Sigura jkollhom aċċess mhux awtorizzat għad-*data* trasportata.
 14. Tieħu l-miżuri sabiex tiffaċilita l-interoperabbiltà u l-komunikazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet nazzjonali kompetenti maħtura tal-Infrastruttura ta' Komunikazzjoni Ċentrali Sigura.
-

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1766

tat-23 ta' Ottubru 2019

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/436 fir-rigward tal-istandard armonizzat EN ISO 19085-3:2017 għal makkinarju għall-ibborjar u makkinarju għall-irrawtjar, b'kontroll numeriku komputerrizzat

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-makkinarju, u li temenda d-Direttiva 95/16/KE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 10 tagħha,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2006/42/KE, il-makkinarju manifatturat f'konformità ma' standard armonizzat, li r-referenzi għalih ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun preżunt li jikkonforma mar-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sikurezza koperti minn tali standard armonizzat.
- (2) Permezz tal-ittra M/396 tad-19 ta' Diċembru 2006, il-Kummissjoni għamlet talba lis-CEN u lis-CENELEC għall-abbozzar, ir-reviżjoni u t-tlestija tal-ħidma fuq l-istandards armonizzati b'appoġġ għad-Direttiva 2006/42/KE biex jitqiesu l-modifiki introdotti minn dik id-Direttiva meta mqabbel mad-Direttiva 98/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾.
- (3) Abbażi tat-talba M/396 tad-19 ta' Diċembru 2006, is-CEN abbozza l-istandard armonizzat il-ġdid EN ISO 19085-3:2017.
- (4) Il-Kummissjoni, flimkien mas-CEN, ivvalutat jekk l-EN ISO 19085-3:2017 li ġie abbozzat mis-CEN jikkonformax mat-talba M/396 tad-19 ta' Diċembru 2006.
- (5) F'Diċembru 2017, il-Ġermanja ressqet oġġezzjoni formali skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2006/42/KE fir-rigward tal-istandard EN ISO 19085-3:2017 "Woodworking machines — Safety requirements — Part 3: Numerically controlled (NC) boring and routing machines".
- (6) L-oġġezzjoni formali mressqa mill-Ġermanja hija bbażata fuq in-nuqqas ta' konformità tal-punt 6.6.2.2.3.1 tal-istandard EN ISO 19085-3:2017, li jittratta l-prevenzjoni tal-aċċess għal għodod u partijiet oħra tal-makkinarju, mar-rekwiżiti essenzjali dwar is-saħħa u s-sikurezza stabbiliti fil-punt 1.4.1 tal-Anness I tad-Direttiva 2006/42/KE.
- (7) Wara li eżaminat l-istandard EN ISO 19085-3:2017 flimkien mar-rappreżentanti tal-kumitat stabbilit bl-Artikolu 22 tad-Direttiva 2006/42/KE u mar-rappreżentanti tal-kumitat stabbilit bl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-istandard ma jissodisfax wieħed mir-rekwiżiti essenzjali dwar is-saħħa u s-sikurezza stabbiliti fil-punt 1.4.1. tal-Anness I tad-Direttiva 2006/42/KE, jiġifieri r-rekwiżit li jistipula li ma għandux ikun faċli li l-ilqugħ u l-mezzi ta' protezzjoni jinqabżu jew jiġu magħmula mhux operabbli. B'mod partikolari, l-istandard jinkludi speċifikazzjonijiet tekniċi għall-aċċess għall-partijiet li jiċċaqilqu tal-makkinarju minn ġoż-żona bejn il-qafas tal-magna u ċ-ċnut laterali tal-makkinarju, iżda ma jindirizzax id-disinn jew il-protezzjoni tal-qafas tal-magna nnifsu, li f'ċerti każijiet jista' jkun baxx biżżejjed biex jinqabeż. Għalhekk, l-istandard EN ISO 19085-3:2017 għandu jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* b'restrizzjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 157, 9.6.2006, p. 24.

⁽²⁾ Id-Direttiva 98/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar il-makkinarju (ĠU L 207, 23.7.1998, p. 1).

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12).

- (8) Ir-referenzi tal-istandards armonizzati abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2006/42/KE huma ppubblikati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/436 (*). Sabiex jiġi żgurat li r-referenzi kollha tal-istandards armonizzati abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2006/42/KE ikunu elenkati fl-istess att, ir-referenza tal-istandard EN ISO 19085-3:2017 għandha tiġi inkluża f'Anness ta' dik id-Deċiżjoni. Għalhekk, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/436 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (9) Il-konformità ma' standard armonizzat tikkonferixxi preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali korrispondenti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni mid-data tal-pubblikazzjoni tar-referenza ta' tali standard f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/436 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Ottubru 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

(*) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/436 tat-18 ta' Marzu 2019 dwar l-istandards armonizzati għall-makkinarju abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 75, 19.3.2019, p. 108).

ANNEX

Fl-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/436, tiżdied ir-ringiela li ġejja:

“3.	EN ISO 19085-3:2017 Woodworking machines - Safety requirements – Part 3: Numerically controlled (NC) boring and routing machines Avviż: Fir-rigward tal-punt 6.6.2.2.3.1 tiegħu, l-istandard armonizzat EN ISO 19085-3:2017 ma jikkonferix preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżit essenzjali dwar is-saħħa u s-sikurezza stabbilit fil-punt 1.4.1 tal-Anness I tad-Direttiva 2006/42/KE, li jistipula li ma għandux ikun faċli li l-ilqugħ u l-mezzi ta' protezzjoni jinqabżu jew jiġu magħmula mhux operabbli.	C”
-----	---	----

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1767**tat-23 ta' Ottubru 2019****li temenda l-Annessi I u III tad-Deċiżjoni 2010/472/UE fir-rigward tal-inklużjoni tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq fil-listi ta' pajjiżi terzi jew partijiet minnhom awtorizzati għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' semen, ova u embrijuni ta' annimali tal-ispeċi ovina u kaprina***(notifikata bid-dokument C(2019)7635)***(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE tat-13 ta' Lulju 1992, li tistabbilixxi l-ħtiġijiet dwar saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ ta', u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali, semen, ova u embrijuni mhux suġġetti għal ħtiġijiet ta' saħħa tal-annimali meħtieġa f'regoli speċifiċi tal-Komunità li hemm referenza għalihom fl-Anness A(l) tad-Direttiva 90/425/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 17(2)(b), l-Artikolu 17(3), l-ewwel inċiż tal-Artikolu 18(1), u l-frażi introduttiva u l-punt (b) tal-Artikolu 19 tagħha,

Billi:

- (1) Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit ippreżenta n-notifika tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). Fil-11 ta' April 2019, il-Kunsill Ewropew adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/584 ⁽²⁾ meħuda bi qbil mar-Renju Unit, li testendi l-perjodu skont l-Artikolu 50(3) tat-TUE. Skont dik id-Deċiżjoni, il-perjodu previst fl-Artikolu 50(3) tat-TUE ġie estizz ulterjorment sal-31 ta' Ottubru 2019. Għalhekk, id-dritt tal-Unjoni ma jibqax japplika għar-Renju Unit u fir-Renju Unit mill-1 ta' Novembru 2019 ("id-data tal-ħruġ").
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/472/UE ⁽³⁾ tistabbilixxi fl-Anness I tagħha lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet minnhom, li minnhom l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjonijiet ta' semen ta' annimali tal-ispeċi ovina u kaprina u fl-Anness III tagħha lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet minnhom, li minnhom l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjonijiet ta' kunsinni ta' ova u embrijuni ta' annimali tal-ispeċi ovina u kaprina.
- (3) Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ipprova l-garanziji neċessarji sabiex dak il-pajjiż jikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni 2010/472/UE għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' kunsinni ta' semen, ova u embrijuni ta' annimali tal-ispeċi ovina u kaprina mid-data tal-ħruġ billi jkompli jikkonforma mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għal perjodu inizjali ta' mill-inqas disa' xhur.
- (4) Għalhekk, meta jitqiesu dawn il-garanziji speċifiċi pprovduti mir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, u sabiex jiġi evitat tfixkil bla bżonn tal-kummerċ wara d-data tal-ħruġ, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq jenħtieġ li jiġu inklużi fil-listi ta' pajjiżi terzi u territorji u partijiet minnhom stabbiliti fl-Annessi I u III tad-Deċiżjoni 2010/472/UE li huma awtorizzati għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' kunsinni ta' semen, ova u embrijuni ta' annimali tal-ispeċi ovina u kaprina.
- (5) Għalhekk, jenħtieġ li l-Annessi I u III tad-Deċiżjoni 2010/472/UE jiġu emendati skont dan.
- (6) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tapplika mil-1 ta' Novembru 2019, sakemm f'dik id-data d-dritt tal-Unjoni ma jibqax japplika għar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u fil-h.
- (7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

⁽¹⁾ ĠU L 268, 14.9.1992, p. 54.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2019/584 meħuda bi qbil mar-Renju Unit tal-11 ta' April 2019 li testendi l-perjodu taħt l-Artikolu 50(3) TUE (ĠU L 101, 11.4.2019, p. 1).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/472/UE tas-26 ta' Awwissu 2010 dwar l-importazzjonijiet ta' semen, ova u embrijuni ta' annimali tal-ispeċi ovina u kaprina fl-Unjoni (ĠU L 228, 31.8.2010, p. 74).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Annessi I u III tad-Deċiżjoni 2010/472/UE għandhom jiġu emendati skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mil-1 ta' Novembru 2019.

Madankollu, ma għandhiex tapplika jekk f'dik id-data d-dritt tal-Unjoni jibqa' japplika għar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u fiha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Ottubru 2019.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

L-Annessi I u III tad-Deċiżjoni 2010/472/UE huma emendati kif ġej:

(1) It-tabella stabbilita fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2010/472/UE hija emendata kif ġej:

(a) il-linja li ġejja tiddaħħal wara l-entrata taċ-Ċili:

"GB	Ir-Renju Unit tal-Gran Brit-tanja u l-Irlanda ta' Fuq"		
-----	--	--	--

(2) It-tabella stabbilita fl-Anness III tad-Deċiżjoni 2010/472/UE hija emendata kif ġej:

(a) il-linja li ġejja tiddaħħal wara l-entrata taċ-Ċili:

"GB	Ir-Renju Unit tal-Gran Brit-tanja u l-Irlanda ta' Fuq"		
-----	--	--	--

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1768**tat-23 ta' Ottubru 2019****li temenda l-Anness I tad-Deċiżjoni 2006/168/KE fir-rigward tal-inklużjoni tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u ta' wħud mid-Dipendenzi tal-Kuruna tiegħu fil-lista ta' pajjiżi terzi awtorizzati għall-introduzzjoni fl-Unjoni Ewropea ta' embrijuni bovini***(notifikata bid-dokument C(2019) 7636)***(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/556/KEE tal-25 ta' Settembru 1989 dwar kondizzjonijiet ta' saħħa tal-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju fi u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' embrijuni ta' annimali domestiċi tal-ispeċi tal-ifrat ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1) u l-Artikolu 9(1) tagħha,

Billi:

- (1) Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit ippreżenta n-notifika tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). Fil-11 ta' April 2019, il-Kunsill Ewropew adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/584 ⁽²⁾ meħuda bi qbil mar-Renju Unit, li testendi l-perjodu skont l-Artikolu 50(3) tat-TUE. Skont dik id-Deċiżjoni, il-perjodu previst fl-Artikolu 50(3) tat-TUE ġie estiż ulterjorment sal-31 ta' Ottubru 2019. Għalhekk, id-dritt tal-Unjoni ma jibqax japplika għar-Renju Unit u fir-Renju Unit mill-1 ta' Novembru 2019 ("id-data tal-ħruġ").
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/168/KE ⁽³⁾ tistabbilixxi fl-Anness I tagħha lista ta' pajjiżi terzi li mingħandhom l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni ta' embrijuni bovini.
- (3) Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ipprova l-garanziji neċessarji sabiex dak il-pajjiż u wħud mid-Dipendenzi tal-Kuruna tiegħu jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni 2006/168/KE għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' kunsinni ta' embrijuni bovini mid-data tal-ħruġ, billi jkompli jikkonforma mal-geżlazzjoni tal-Unjoni għal perjodu inizjali ta' mill-inqas disa' xhur.
- (4) Għalhekk, meta jitqiesu dawn il-garanziji speċifiċi pprovduti mir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, u sabiex jiġi evitat tfixkil bla bżonn tal-kummerċ wara d-data tal-ħruġ, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u wħud mid-Dipendenzi tal-Kuruna tiegħu jenħtieġ li jiġu inklużi fil-lista ta' pajjiżi terzi stabbilita fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2006/168/KE li huma awtorizzati għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' embrijuni bovini.
- (5) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness I tad-Deċiżjoni 2006/168/KE jiġi emendat skont dan.
- (6) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tapplika mil-1 ta' Novembru 2019, sakemm f'dik id-data d-dritt tal-Unjoni ma jibqax japplika għar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u fih.
- (7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness I tad-Deċiżjoni 2006/168/KE hu emendat skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 302, 19.10.1989, p. 1.⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2019/584 meħuda bi qbil mar-Renju Unit tal-11 ta' April 2019 li testendi l-perjodu taħt l-Artikolu 50(3) TUE (ĠU L 101, 11.4.2019, p. 1).⁽³⁾ Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/168/KE tal-4 ta' Jannar 2006 li tistabbilixxi l-ħtiġijiet tas-saħħa tal-annimali u taċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjoni fil-Komunità ta' embrijuni bovini u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2005/217/KE (ĠU L 57, 28.2.2006, p. 19).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mil-1 ta' Novembru 2019.

Madankollu, ma għandhiex tapplika jekk f'dik id-data d-dritt tal-Unjoni jibqa' japplika għar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u fih.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Ottubru 2019.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membri tal-Kummissjoni

ANNEX

It-tabella stabbilita fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2006/168/KE hija emendata kif ġej:

(a) il-linja li ġejja tiddaħħal wara l-entrata tal-Iżvizzera:

“GB	Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq	ANNEX II	ANNEX III	ANNEX IV”
-----	--	----------	-----------	-----------

(b) il-linja li ġejja tiddaħħal wara l-entrata tal-Iżrael:

“JE	Jersey	ANNEX II	ANNEX III	ANNEX IV”
-----	--------	----------	-----------	-----------

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1769**tat-23 ta' Ottubru 2019****li temenda d-Deċiżjoni 2009/821/KE fir-rigward tal-lista ta' postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera u tal-unitajiet veterinarji fi Traces***(notifikata bid-dokument C(2019) 7637)***(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-iċċekkjar veterinarju applikabbli għall-kummerċ intra-Unjoni ta' ċertu animali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) u (3) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni ta' kontrolli veterinarji fuq animali li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi u li temenda d-Direttivi 89/662/KEE, 90/425/KEE u 90/675/KEE ⁽²⁾, b'mod partikolari t-tieni sentenza tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(4) u l-Artikolu 6(5) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru 1997 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tagħha,

Billi:

- (1) Fid-29 ta' Marzu 2017 ir-Renju Unit ippreżenta n-notifika tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). Fil-11 ta' April 2019, il-Kunsill Ewropew adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/584 ⁽⁴⁾ meħuda bi qbil mar-Renju Unit, li testendi l-perijodu skont l-Artikolu 50(3) tat-TUE. F'konformità ma' dik id-Deċiżjoni, il-perijodu previst fl-Artikolu 50(3) tat-TUE ġie estiż ulterjorment sal-31 ta' Ottubru 2019. B'hekk, id-dritt tal-Unjoni ma jibqax japplika għar-Renju Unit mill-1 ta' Novembru 2019 ("id-data tal-ħruġ").
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/821/KE ⁽⁵⁾ tistabbilixxi l-lista ta' postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera approvati skont id-Direttivi 91/496/KEE u 97/78/KE u l-lista ta' unitajiet ċentrali, reġjonali u lokali fis-sistema veterinarja kompjuterizzata integrata (Traces). Dawk il-listi huma stabbiliti rispettivament fl-Anness I u fl-Anness II ta' dik id-Deċiżjoni.
- (3) Wara l-proposta mill-Belġju, jenħtieġ li l-approvazzjoni tal-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera fil-port ta' Zeebrugge tiġi estiża għall-prodotti mhux ippakkjati għall-konsum mill-bniedem. Għalhekk, jixraq li tiġi emendata l-lista tal-entrati għal dak l-Istat Membru stabbilita fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/821/KE.
- (4) Wara l-proposta mid-Danimarka, jenħtieġ li ċentru ta' spezzjoni ġdid jiġi elenkat fil-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera fil-port ta' Esbjerg għall-ispezzjoni tal-prodotti ppakkjati. Għalhekk, jixraq li tiġi emendata l-lista tal-entrati għal dak l-Istat Membru stabbilita fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/821/KE.
- (5) Wara l-proposta mill-Irlanda, jenħtieġ li l-approvazzjoni tal-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera fl-ajruport ta' Dublin tiġi estiża għall-prodotti ppakkjati u għal ċerti kategoriji ta' animali, l-approvazzjoni tal-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera fil-port ta' Dublin jenħtieġ li tiġi estiża għal ċerti kategoriji ta' animali u ta' prodotti mhux ippakkjati għall-konsum mill-bniedem, post ġdid ta' spezzjoni fuq il-fruntiera fil-port ta' Rosslare jenħtieġ li jiġi approvat għall-animali u għall-prodotti u l-approvazzjoni tal-post ta' spezzjoni f'Shannon jenħtieġ li tiġi estiża għall-kategoriji kollha ta' ekwidi. Għalhekk, jixraq li tiġi emendata l-lista tal-entrati għal dak l-Istat Membru stabbilita fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/821/KE.

⁽¹⁾ ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29.

⁽²⁾ ĠU L 268, 24.9.1991, p. 56.

⁽³⁾ ĠU L 24, 30.1.1998, p. 9.

⁽⁴⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2019/584 meħuda bi qbil mar-Renju Unit, tat-11 ta' April 2019, li testendi l-perijodu skont l-Artikolu 50(3) tat-TUE (ĠU L 101, 11.4.2019, p. 1).

⁽⁵⁾ Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/821/KE tat-28 ta' Settembru 2009 Tfassil ta' lista approvata ta' postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera, li tistabbilixxi ċerti regoli dwar l-ispezzjonijiet imwettqa mill-esperti veterinarji tal-Kummissjoni u tistabbilixxi l-unitajiet veterinarji fi Traces (ĠU L 296, 12.11.2009, p. 1).

- (6) Wara l-proposta minn Spanja, is-sospensjoni tal-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera għall-prodotti għall-konsum mill-bniedem fil-port ta' Santander jenħtieġ li titneħħa. Għalhekk, jixraq li tiġi emendata l-lista tal-entrati għal dak l-Istat Membru stabbilita fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/821/KE.
- (7) Wara l-proposta minn Franza, jenħtieġ li postijiet ġodda ta' spezzjoni fuq il-fruntiera fil-port ta' Caen-Ouistreham, fil-port u fil-linji ferrovjarji ta' Calais, fil-port ta' Cherbourg, fil-port ta' Dieppe, fil-port ta' Roscoff u fil-port ta' Saint-Malo jiġu approvati għal ċerti kategoriji ta' prodotti jew għal ċerti kategoriji ta' annimali. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-approvazzjoni tal-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera fil-port ta' Dunkerque tiġi estiża għall-prodotti mhux ippakkjati għall-konsum mill-bniedem. Għalhekk, jixraq li tiġi emendata l-lista tal-entrati għal dak l-Istat Membru stabbilita fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/821/KE.
- (8) Wara l-proposta min-Netherlands, jenħtieġ li jiġu elenkati żewġ ċentri ġodda ta' spezzjoni fil-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera fil-port ta' Rotterdam għall-ispezzjoni ta' ċerti kategoriji ta' prodotti. Għalhekk, jixraq li tiġi emendata l-lista tal-entrati għal dak l-Istat Membru stabbilita fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/821/KE.
- (9) Għalhekk, jenħtieġ li l-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 2009/821/KE jiġu emendati skont dan.
- (10) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tapplika mill-1 ta' Novembru 2019, sakemm f'dik id-data d-dritt tal-Unjoni ma jibqax japplika għar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u fih.
- (11) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 2009/821/KE huma emendati skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Novembru 2019.

Madankollu, m'għandhiex tapplika jekk, f'dik id-data, id-dritt tal-Unjoni jibqa' japplika għar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u fih.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Ottubru 2019.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

L-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 2009/821/KE huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) in-noti li ġejjin jiżiedu mar-rimarki speċjali:

“(17) = Għal kunsinni ttrasportati minn vetturi tat-triq mil-linja ferrovjarja tal-Eurotunnel Shuttle

(18) = Ħlief għal prodotti tas-sajd u għal molluski bivalvi

19) = (Għal prodotti tas-sajd u għal molluski bivalvi biss”

(b) fil-parti li tikkonċerna l-Belġju, id-dħul għall-port ta' Zeebrugge huwa mibdul b'dan li ġej:

“Zeebrugge	BE ZEE 1	P		HC, NHC(2)”	
------------	----------	---	--	-------------	--

(c) fil-parti li tikkonċerna lid-Danimarka, l-entrata għall-port f'Esbjerg tinbidel b'li ġej:

“Esbjerg	DK EBJ 1	P	E D & F Man Terminals Denmark ApS	HC-NT(6), NHC-NT(4) (6)(11)	
			Bluewater Shipping	HC(2), NHC(2)”	

(d) il-parti li tikkonċerna l-Irlanda hija emendata kif ġej:

(i) l-entrata għall-ajruport f'Dublin hi sostitwita b'dan li ġej:

“Dublin Airport	IE DUB 4	A		HC(2), NHC(2)	U(8), E, O”
-----------------	----------	---	--	---------------	-------------

(ii) l-entrata għall-port ta' Dublin hija sostitwita b'dan li ġej:

“Dublin Port	IE DUB 1	P		HC, NHC	U(14), E, O”
--------------	----------	---	--	---------	--------------

(iii) l-entrata li ġejja għall-port ta' Rosslare tiddaħħal wara l-entrata għal Dublin Port:

“Rosslare Europort	IE ROS 1	P		HC, NHC	U, E, O”
--------------------	----------	---	--	---------	----------

(iv) l-entrata għall-ajruport f'Shannon hi sostitwita b'dan li ġej:

“Shannon	IE SNN 4	A		HC(2), NHC(2)	U(8), E”
----------	----------	---	--	---------------	----------

(e) fil-parti li tikkonċerna lil Spanja, l-entrata għall-port ta' Santander tinbidel b'li ġej:

“Santander	ES SDR 1	P		HC, NHC-NT”	
------------	----------	---	--	-------------	--

(f) il-parti li tikkonċerna lil Franza hija emendata kif ġej:

(i) l-entrati li ġejjin għall-port ta' Caen-Ouistreham u għall-port u għal-linji ferrovjarji ta' Calais jiddaħħlu wara l-entrata għal Brest:

“Caen-Ouistreham	FR CFR 1	P		HC(1), NHC	U(8), E, O
Calais	FR CQF 1	P, F(17)	Port	HC(18), NHC	U(8), E, O(14)
			Eurotunnel	HC(18), NHC	U(8), E
			Boulogne-sur-Mer	HC(1)(19)”	

(ii) l-entrata li ġejja għall-port ta' Cherbourg tiddaħħal wara l-entrata għal Châteauroux-Déols:

“Cherbourg	FR CER 1	P		HC(1), NHC	U(8), E, O(14)”
------------	----------	---	--	------------	-----------------

(iii) l-entrata li ġejja għall-port ta' Dieppe tiddaħħal wara l-entrata għal Deauville:

“Dieppe	FR DPE 1	P		HC(1), NHC	U(8), E, O(14)”
---------	----------	---	--	------------	-----------------

(iv) l-entrata għall-port ta' Dunkerque hija sostitwita b'dan li ġej:

“Dunkerque	FR DKK 1	P	Route des Améri-ques	HC(1), NHC(1)(2)”	
------------	----------	---	----------------------	-------------------	--

(v) l-entrata li ġejja għall-port ta' Roscoff tiddaħħal wara l-entrata għal Roissy Charles-de-Gaulle:

“Roscoff	FR ROS 1	P		HC(1)(2), NHC(2)”	
----------	----------	---	--	-------------------	--

(vi) l-entrata li ġejja għall-port ta' Saint-Malo tiddaħħal wara l-entrata għal Rouen:

“Saint-Malo	FR SML 1	P		HC(1), NHC	U(8), E, O”
-------------	----------	---	--	------------	-------------

(g) fil-parti li tikkonċerna n-Netherlands l-entrata għall-port ta' Rotterdam hija sostitwita b'dan li ġej:

“Rotterdam	NL RTM 1	P	Eurofrigo Kari-matastraat	HC, NHC-T(FR), NHC-NT	
			Eurofrigo, Abel Tasmanstraat	HC	
			Frigocare Rotterdam B.V.	HC(2)	
			Agro Merchants Maasvlakte B.V.	HC(2), NHC(2)	
			Kloosterboer Delta Terminal	HC(2)	
			Maastank B.V.	NHC-NT(6)	
			Agro Merchants Westland Warehousing B.V.	HC(2)	
			Van Duijn Coldstore B.V.	HC, NHC(2)”	

(h) il-parti li tikkonċerna lir-Renju Unit titħassar.

(2) Fl-Anness II, il-parti li tikkonċerna lir-Renju Unit titħassar.

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1770**tat-23 ta' Ottubru 2019**

li temenda l-Annessi tad-Deċiżjoni 2006/766/KE fir-rigward tal-inklużjoni tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u tad-Dipendenzi tal-Kuruna tiegħu fil-listi ta' pajjiżi terzi u territorji awtorizzati li jintroduċu fl-Unjoni molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati, gastropodi tal-ibħra u prodotti tas-sajd għall-konsum mill-bniedem

*(notifikata bid-dokument C(2019)7639)***(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Fid-29 ta' Marzu 2017 ir-Renju Unit ippreżenta n-notifika tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). Fil-11 ta' April 2019, il-Kunsill Ewropew adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/584 ⁽²⁾ meħuda bi qbil mar-Renju Unit, li testendi l-perijodu skont l-Artikolu 50(3) tat-TUE. F'konformità ma' dik id-Deċiżjoni, il-perijodu previst fl-Artikolu 50(3) tat-TUE ġie estiż ulterjorment sal-31 ta' Ottubru 2019. B'hekk, id-dritt tal-Unjoni ma jibqax japplika għar-Renju Unit mill-1 ta' Novembru 2019 ("id-data tal-ħruġ").
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 jistipula li prodotti li joriġinaw mill-annimali jistgħu jiġu importati biss minn pajjiż terz jew parti minn pajjiż terz li jidher jew tidher f'lista mfassla skont dak ir-Regolament.
- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/766/KE ⁽³⁾ telenka dawk il-pajjiżi terzi li jissodisfaw il-kriterji msemmija fir-Regolament (KE) Nru 854/2004 u li għaldaqstant jistgħu jiggarrantixxu li l-esportazzjonijiet ta' dawk il-prodotti jissodisfaw il-kriterji msemmija fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni biex titħares is-saħħa tal-konsumaturi.
- (4) B'mod partikolari, l-Anness I ta' dik id-Deċiżjoni jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi awtorizzati li jintroduċu molluski bivalvi, tunikati, ekinodermi u gastropodi tal-ibħra u l-Anness II ta' dik id-Deċiżjoni jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi u territorji awtorizzati li jintroduċu prodotti tas-sajd għall-konsum mill-bniedem. Dawk il-listi jindikaw ukoll ir-restrizzjonijiet fuq dawn l-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi.
- (5) Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ipprova l-garanziji neċessarji sabiex dak il-pajjiż u d-Dipendenzi tal-Kuruna tiegħu jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 854/2004 għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' kunsinni ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati, gastropodi marini u prodotti tas-sajd għall-konsum mill-bniedem mid-data tal-ħruġ billi jkomplu jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għal perijodu inizjali ta' mill-inqas disa' xhur.
- (6) Għalhekk, meta jitqiesu dawn il-garanziji speċifiċi pprovduti mir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, u sabiex jiġi evitat tfixkil bla bżonn tal-kummerċ wara d-data tal-ħruġ, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u d-Dipendenzi tal-Kuruna tiegħu jenħtieġ li jiġu inklużi fil-listi ta' pajjiżi terzi u territorji stabbiliti fid-Deċiżjoni 2006/766/KE awtorizzati li jintroduċu molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati, gastropodi tal-ibħra u prodotti tas-sajd għall-konsum mill-bniedem.
- (7) Għalhekk, jenħtieġ li l-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 2006/766/KE jiġu emendati skont dan.

⁽¹⁾ ĠU L 139, 30.4.2004, p. 206.

⁽²⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2019/584 meħuda bi qbil mar-Renju Unit, tal-11 ta' April 2019 li testendi l-perijodu taħt l-Artikolu 50(3) TUE (ĠU L 101, 11.4.2019, p. 1).

⁽³⁾ Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/766/KE tas-6 ta' Novembru 2006 li tistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi u territorji li minnhom l-importazzjonijiet ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati, gastropodi tal-ibħra u prodotti tas-sajd huma permessi (ĠU L 320, 18.11.2006, p. 53).

- (8) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tapplika mill-1 ta' Novembru 2019, sakemm f'dik id-data d-dritt tal-Unjoni ma jibqax japplika għar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u fih.
- (9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 2006/766/KE għandhom jiġu emendati skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Novembru 2019.

Madankollu, ma għandhiex tapplika jekk f'dik id-data d-dritt tal-Unjoni jibqa' japplika għar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u fih.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Ottubru 2019.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membri tal-Kummissjoni

ANNEX

L-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 2006/766/KE huma emendati kif ġej:

(1) It-tabella stabbilita fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2006/766/KE hija emendata kif ġej:

(a) il-linji li ġejjin jiddaħħlu wara l-entrata ta' Ċili:

"GB	IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRIT-TANJA U L-IRLANDA TA' FUQ	
GG	GUERNSEY"	

(b) il-linji li ġejjin jiddaħħlu wara l-entrata ta' Greenland:

"IM	ISLE OF MAN	
JE	JERSEY"	

(2) It-tabella stabbilita fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2006/766/KE hija emendata kif ġej:

(a) il-linja li ġejja tiddaħħal wara l-entrata tal-Gabon:

"GB	IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRIT-TANJA U L-IRLANDA TA' FUQ"	
-----	--	--

(b) il-linja li ġejja tiddaħħal wara l-entrata tal-Georgia:

"GG	GUERNSEY"	
-----	-----------	--

(c) il-linja li ġejja tiddaħħal wara l-entrata ta' Iżrael:

"IM	ISLE OF MAN"	
-----	--------------	--

(d) il-linja li ġejja tiddaħħal wara l-entrata tal-Iran:

"JE	JERSEY"	
-----	---------	--

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1771**tat-23 ta' Ottubru 2019****li temenda d-Deċiżjoni 2011/163/UE dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u mid-Dipendenzi tal-Kuruna tiegħu skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE***(notifikata bid-dokument C(2019)7641)***(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari r-raba' subparagrafu tal-Artikolu 29(1) tagħha,

Billi:

- (1) Fid-29 ta' Marzu 2017 ir-Renju Unit ippreżenta n-notifika tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). Fil-11 ta' April 2019, il-Kunsill Ewropew adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/584 ⁽²⁾ meħuda bi qbil mar-Renju Unit, li testendi l-perijodu skont l-Artikolu 50(3) tat-TUE. Skont dik id-Deċiżjoni, il-perijodu previst fl-Artikolu 50(3) tat-TUE ġie estiż ulterjorment sal-31 ta' Ottubru 2019. Għalhekk, id-dritt tal-Unjoni ma jibqax japplika fir-Renju Unit mill-1 ta' Novembru 2019 ("id-data tal-ħruġ").
- (2) L-Artikolu 29 tad-Direttiva 96/23/KE jirrikjedi li l-pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri huma awtorizzati jimportaw l-annimali u l-prodotti tal-annimali koperti minn dik id-Direttiva, jippreżentaw pjanijiet ta' monitoraġġ tar-residwi li jipprovdu l-garanziji meħtieġa ("il-pjanijiet"). Il-pjanijiet jenħtieġ li jinkludu mill-inqas il-gruppi ta' residwi u s-sustanzi elenkati fl-Anness I ta' dik id-Direttiva.
- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE ⁽³⁾ tapprova l-pjanijiet sottomessi minn ċerti pajjiżi terzi dwar annimali u prodotti tal-annimali speċifiċi elenkati fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni.
- (4) Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq issottometta lill-Kummissjoni l-pjanijiet tal-pajjiżi dwar l-annimali bovini, l-annimali ovini/kaprini, l-annimali porċini, l-annimali ekwini, it-tjur, l-akkwakultura, il-ħalib, il-bajd, il-fniek, it-tjur tal-kaċċa, it-tjur tal-kaċċa mrobbija fl-irziezet u l-għasel, u għad-Dipendenzi tal-Kuruna tiegħu għal ċerti komoditajiet ta' hawn fuq. Dawn il-pjanijiet jipprovdu biżżejjed garanziji u għandhom jiġu approvati.
- (5) Għalhekk, sabiex jiġi evitat tfixkil bla bżonn tal-kummerċ wara d-data tal-ħruġ, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u d-Dipendenzi tal-Kuruna tiegħu jenħtieġ li jiġu inklużi fil-lista ta' pajjiżi terzi stabbiliti fid-Deċiżjoni 2011/163/UE li għalihom il-pjanijiet ġew approvati għall-komoditajiet rilevanti. L-Anness mad-Deċiżjoni 2011/163/UE għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.
- (6) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tapplika mill-1 ta' Novembru 2019, sakemm f'dik id-data d-dritt tal-Unjoni ma jibqax japplika għar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u fih.

⁽¹⁾ ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2019/584 meħuda bi qbil mar-Renju Unit, tal-11 ta' April 2019 li testendi l-perijodu taħt l-Artikolu 50(3) TUE (ĠU L 101, 11.4.2019, p. 1).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE tas-16 ta' Marzu 2011 dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi minn pajjiżi terzi skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE (ĠU L 70, 17.3.2011, p. 40).

- (7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE huwa emendat skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Novembru 2019.

Madankollu, ma għandhiex tapplika jekk f'dik id-data d-dritt tal-Unjoni jibqa' japplika għar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u fiha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Ottubru 2019.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

L-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE huwa emendat kif ġej:

(1) l-entrata li ġejja tiddaħħal bejn il-Gżejjer Faeroe u l-Georgia:

"GB	Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X	X"
-----	--	---	---	---	---	---	---	---	---	---	---	---	---	----

(2) l-entrata li ġejja tiddaħħal bejn il-Georgia u l-Ghana:

"GG	Guernesej	X						X						X"
-----	-----------	---	--	--	--	--	--	---	--	--	--	--	--	----

(3) l-entrata li ġejja tiddaħħal bejn Iżrael u l-Indja:

"IM	Isle of Man	X	X	X			X	X						X"
-----	-------------	---	---	---	--	--	---	---	--	--	--	--	--	----

(4) l-entrata li ġejja tiddaħħal bejn l-Iran u l-Ġamajka:

"JE	Jersey	X					X	X"						
-----	--------	---	--	--	--	--	---	----	--	--	--	--	--	--

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1772**tat-23 ta' Ottubru 2019****li temenda l-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE fir-rigward tal-inklużjoni tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u tad-Dipendenzi tal-Kuruna tiegħu fil-lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet minnhom awtorizzati għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti prodotti tal-laħam u ta' stonkijiet, b'żieqaq tal-awrina u msaren ittrattati għall-konsum mill-bniedem**

(notifikata bid-dokument C(2019)7642)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-frażi introdutturja tal-Artikolu 8, l-ewwel subparagrafu tal-punt (1) u l-punt (4) tal-Artikolu 8 u l-Artikolu 9(4) tagħha,

Billi:

- (1) Fid-29 ta' Marzu 2017 ir-Renju Unit ippreżenta n-notifika tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). Fil-11 ta' April 2019, il-Kunsill Ewropew adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/584 ⁽²⁾ meħuda bi qbil mar-Renju Unit, li testendi l-perjodu skont l-Artikolu 50(3) tat-TUE. Skont dik id-Deċiżjoni, il-perjodu previst fl-Artikolu 50(3) tat-TUE ġie estiż ulterjorment sal-31 ta' Ottubru 2019. Għalhekk, id-dritt tal-Unjoni ma jibqax japplika għar-Renju Unit u fih mill-1 ta' Novembru 2019 ("id-data tal-ħruġ").
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE ⁽³⁾ tistipula, inter alia, il-kundizzjonijiet għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' kunsinni ta' ċerti prodotti tal-laħam u ta' stonkijiet, b'żieqaq tal-awrina u msaren ittrattati li għaddew minn wieħed mit-trattamenti stipulati f'Parti 4 tal-Anness II tiegħu ("il-komoditajiet"), inkluż lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet minnhom, li minnhom hija awtorizzata l-introduzzjoni fl-Unjoni tal-komoditajiet.
- (3) Il-Parti 2 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE tistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet minnhom li huma awtorizzati għall-introduzzjoni fl-Unjoni tal-komoditajiet, sakemm ikunu għaddew mit-trattament rilevanti msemmi f'dik il-Parti tal-Anness II. Dawk it-trattamenti huma mmirati biex jeliminaw ċerti riskji tas-saħħa tal-annimali marbuta mal-komoditajiet speċifiċi. Il-Parti 4 ta' dak l-Anness tistabbilixxi t-trattament "A" li mhux speċifiku u t-trattamenti "B" sa "F" li huma speċifiċi, imniżżlin skont il-gravità tar-riskju għas-saħħa tal-annimali marbut mal-prodott speċifiku.
- (4) Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ipprova l-garanziji neċessarji sabiex dak il-pajjiż u d-Dipendenzi tal-Kuruna tiegħu biex ċerti komoditajiet jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni 2007/777/KE għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' kunsinni ta' komoditajiet għall-konsum mill-bniedem bi trattament "A" mid-data tal-ħruġ billi jkempli jikkonforma mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għal perjodu inizjali ta' mill-inqas disa' xhur.
- (5) Għalhekk, meta jitqiesu dawn il-garanziji speċifiċi pprovduti mir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, u sabiex jiġi evitat tfixkil bla bżonn tal-kummerċ wara d-data tal-ħruġ, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u d-Dipendenzi tal-Kuruna tiegħu jenħtieġ li jiġu inklużi fil-lista ta' pajjiżi terzi u partijiet minnhom stabbiliti fil-Parti 2 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE li huma awtorizzati għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' kunsinni tal-komoditajiet.

⁽¹⁾ ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2019/584 meħuda bi qbil mar-Renju Unit, tal-11 ta' April 2019 li testendi l-perjodu taħt l-Artikolu 50(3) TUE (ĠU L 101, 11.4.2019, p. 1).⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/777/KE tad-29 ta' Novembru 2007 li tistipula l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika kif ukoll il-mudelli taċ-ċertifikati għall-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-laħam u tal-istonku, b'żieqaq tal-awrina u msaren ittrattati għall-konsum mill-bniedem minn pajjiżi terzi u li ttravoka d-Deċiżjoni 2005/432/KE (ĠU L 312, 30.11.2007, p. 49).

- (6) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE jiġi emendat skont dan.
- (7) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tapplika mill-1 ta' Novembru 2019, sakemm f'dik id-data d-dritt tal-Unjoni ma jibqax japplika għar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u fih.
- (8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Parti 2 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 2007/777/KE għandha tiġi emendata skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Novembru 2019.

Madankollu, ma għandhiex tapplika jekk f'dik id-data d-dritt tal-Unjoni jibqa' japplika għar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u fih.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Ottubru 2019.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membri tal-Kummissjoni

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1773**tat-23 ta' Ottubru 2019****li temenda l-Anness tad-Deċiżjoni 2007/453/KE fir-rigward tal-istatus tal-BSE tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u tad-Dipendenzi tal-Kuruna tiegħu***(notifikata bid-dokument C(2019) 7643)***(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jstabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered ⁽¹⁾, u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Fid-29 ta' Marzu 2017 ir-Renju Unit ippreżenta n-notifika tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). Fil-11 ta' April 2019, il-Kunsill Ewropew adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/584 ⁽²⁾ meħuda bi qbil mar-Renju Unit, li testendi l-perijodu skont l-Artikolu 50(3) tat-TUE. Skont dik id-Deċiżjoni, il-perijodu previst fl-Artikolu 50(3) tat-TUE ġie estiż ulterjorment sal-31 ta' Ottubru 2019. Għalhekk, id-dritt tal-Unjoni ma jibqax japplika fir-Renju Unit mill-1 ta' Novembru 2019 ("id-data tal-ħruġ").
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 jipprevedi li l-Istati Membri, il-pajjiżi terzi u r-reġjuni tagħhom għandhom jiġu kklassifikati skont l-istatus tal-enċefalopatija sponġiformi bovina (BSE) tagħhom f'waħda minn tliet kategoriji: riskju ta' BSE negliġibbli, riskju ta' BSE kkontrollat, u riskju ta' BSE mhux stabbilit.
- (3) Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq issottometta lill-Kummissjoni applikazzjoni sabiex jiġi ddeterminat l-istatus tal-BSE tiegħu, filwaqt li indikalha li din tkopri wkoll lid-Dipendenzi tal-Kuruna tagħha. Dik l-applikazzjoni kienet akkumpanjata mill-informazzjoni rilevanti għal dak il-pajjiż u għad-Dipendenzi tal-Kuruna tiegħu dwar il-kriterji u l-fatturi ta' riskju potenzjali previsti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 999/2001.
- (4) L-Iskozja attwalment hija kklassifikata fil-kategorija ta' riskju negliġibbli iżda fit-18 ta' Ottubru 2018 ġie kkonfermat każ ġdid ta' BSE f'dak ir-reġjun tar-Renju Unit. Għalhekk, l-Iskozja m'għadhiex tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 fir-rigward tal-kategorija ta' riskju negliġibbli. Għalhekk, l-Iskozja jenħtieġ li tiġi kklassifikata fil-kategorija ta' riskju kontrollat.
- (5) Fir-rigward tal-istatus tal-BSE tagħha, l-Irlanda ta' Fuq tista' titqies li għandha riskju negliġibbli, filwaqt li l-bqija tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u d-Dipendenzi tal-Kuruna tiegħu jistgħu jitqiesu li għandhom riskju kontrollat ta' BSE.

⁽¹⁾ ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1.⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2019/584 meħuda bi qbil mar-Renju Unit, tal-11 ta' April 2019 li testendi l-perijodu taħt l-Artikolu 50(3) TUE (ĠU L 101, 11.4.2019, p. 1).

- (6) Għalhekk, meta titqies l-informazzjoni speċifika ta' hawn fuq u sabiex jiġi evitat tfixkil bla bżonn tal-kummerċ wara d-data tal-ħruġ, l-Irlanda ta' Fuq jenħtieġ li tiġi inkluża fil-lista ta' reġjuni ta' pajjiżi terzi fil-punt A tal-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/453/KE ⁽³⁾ u l-bqija tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u d-Dipendenzi tal-Kuruna tiegħu jenħtieġ li jiġu inklużi fil-punt B ta' dak l-Anness b'rabta mal-klassifikazzjoni tal-pajjiżi jew ir-reġjuni skont l-istatus tal-BSE tagħhom. Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness ta' dik id-Deċiżjoni jiġi emendat skont dan.
- (7) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tapplika mill-1 ta' Novembru 2019. Madankollu, jenħtieġ li ma tapplikax jekk f'dik id-data d-dritt tal-Unjoni jibqa' japplika għar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u fih.
- (8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni 2007/453/KE huwa emendat kif stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Novembru 2019.

Madankollu, m'għandhiex tapplika jekk f'dik id-data d-dritt tal-Unjoni jibqa' japplika għar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u fih.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Ottubru 2019.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membri tal-Kummissjoni

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/453/KE tad-29 ta' Ġunju 2007 li tistabbilixxi l-istatus tal-BSE ta' Stati Membri jew pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom skont ir-riskju tal-BSE (ĠU L 172, 30.6.2007, p. 84).

ANNEX

L-Anness tad-Deċiżjoni 2007/453/KE jinbidel b'dan li ġej:

“ANNEX

LISTA TA' PAJJIŻI JEW REĠJUNI**A. Pajjiżi jew reġjuni b'riskju negliġibbli ta' BSE**

L-Istati Membri

- Il-Belġju
- Il-Bulgarija
- Iċ-Ċekja
- Id-Danimarka
- Il-Ġermanja
- L-Estonja
- Il-Kroazja
- L-Italja
- Ċipru
- Il-Latvja
- Il-Litwanja
- Il-Lussemburgu
- L-Ungerija
- Malta
- In-Netherlands
- L-Awstrija
- Il-Polonja
- Il-Portugall
- Ir-Rumanija
- Is-Slovenja
- Is-Slovakkja
- Spanja
- Il-Finlandja
- L-Iżvezja

Il-pajjiżi tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles

- L-Iżlanda
- Il-Liechtenstein
- In-Norveġja
- L-Iżvizzera

Il-pajjiżi terzi

- L-Arġentina
- L-Awstralja
- Il-Brażil

- Iċ-Ċili
- Il-Kolombja
- Il-Costa Rica
- L-Indja
- L-Iżrael
- Il-Ġappun
- In-Namibja
- New Zealand
- Il-Panama
- Il-Paragwaj
- Il-Perù
- Singapore
- L-Istati Uniti
- L-Urugwaj

Ir-Reġjuni ta' pajjiżi terzi

- L-Irlanda ta' Fuq

B. Pajjiżi jew reġjuni b'riskju kkontrollat ta' BSE

L-Istati Membri

- L-Irlanda
- Il-Greċja
- Franza

Il-pajjiżi terzi

- Il-Kanada
- Guernsey
- Isle of Man
- Jersey
- Il-Messiku
- In-Nikaragwa
- Il-Korea t'Isfel
- It-Tajwan
- Ir-Renju Unit bl-eċċezzjoni tar-reġjuni tal-Irlanda ta' Fuq

C. Pajjiżi jew reġjuni b'riskju mhux determinat ta' BSE

- Il-pajjiżi jew ir-reġjuni li mhumiex elenkati fil-punti A jew B.””
-

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1774**tat-23 ta' Ottubru 2019****li temenda l-Anness I tad-Deċiżjoni 2012/137/UE fir-rigward tal-inklużjoni tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq fil-lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet minnhom li mingħandhom l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni ta' semen ta' annimali domestiċi tal-ispeċi porċina***(notifikata bid-dokument C(2019) 7644)***(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/429/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-bhejjem applikabbli għal kummerċ intra-Komunitarju u għall-importazzjonijiet ta' semen ta' bhejjem domestiċi tal-ispeċi tal-majjali ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1), l-Artikolu 9(2) u (3) u l-Artikolu 10(2) tagħha,

Billi:

- (1) Fid-29 ta' Marzu 2017 ir-Renju Unit ippreżenta n-notifika tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). Fil-11 ta' April 2019, il-Kunsill Ewropew adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/584 ⁽²⁾ meħuda bi qbil mar-Renju Unit, li testendi l-perijodu taħt l-Artikolu 50(3) tat-TUE. F'konformità ma' dik id-Deċiżjoni, il-perijodu previst fl-Artikolu 50(3) tat-TUE ġie estiż ulterjorment sal-31 ta' Ottubru 2019. B'hekk, id-dritt tal-Unjoni ma jibqax japplika għar-Renju u fih mill-1 ta' Novembru 2019 ("id-data tal-ħruġ").
- (2) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/137/UE ⁽³⁾ tistabbilixxi fl-Anness I tagħha lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet minnhom li mingħandhom l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni ta' semen ta' annimali domestiċi tal-ispeċi porċina.
- (3) Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ipprova l-garanziji neċessarji sabiex dak il-pajjiż jikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/137/UE għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' kunsinni tas-semen tal-annimali domestiċi tal-ispeċi porċina mid-data tal-ħruġ billi jkompli jikkonforma mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għal perijodu inizjali ta' mill-inqas disa' xhur.
- (4) Għalhekk, meta jitqiesu dawn il-garanziji speċifiċi pprovduti mir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, u sabiex jiġi evitat tfixkil bla bżonn tal-kummerċ wara d-data tal-ħruġ, ir-Renju Unit jenħtieġ li jiġi inkluż fil-lista ta' pajjiżi terzi u partijiet minnhom stabbiliti fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/137/UE li huma awtorizzati jintroduċu fl-Unjoni kunsinni ta' semen ta' annimali domestiċi tal-ispeċi porċina.
- (5) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/137/UE jiġi emendat skont dan.
- (6) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tapplika mill-1 ta' Novembru 2019, sakemm f'dik id-data d-dritt tal-Unjoni ma jibqax japplika għar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u fih.
- (7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/137/UE huwa emendat skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 224, 18.8.1990, p. 62.⁽²⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2019/584 meħuda bi qbil mar-Renju Unit, tal-11 ta' April 2019 li testendi l-perijodu taħt l-Artikolu 50(3) TUE (ĠU L 101, 11.4.2019, p. 1).⁽³⁾ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/137/UE tal-1 ta' Marzu 2012 dwar l-importazzjonijiet fl-Unjoni tas-semen tal-annimali domestiċi tal-ispeċi porċina (ĠU L 64, 3.3.2012, p. 29).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Novembru 2019.

Madankollu, ma għandhiex tapplika jekk f'dik id-data d-dritt tal-Unjoni jibqa' japplika għar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u fih.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Ottubru 2019.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membri tal-Kummissjoni

ANNEX

Fit-tabella fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/137/UE tiddaħħal il-linja li ġejja wara l-entrata tal-Iżvizzera:

"GB	Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq"	
-----	---	--

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1775**tat-23 ta' Ottubru 2019****li temenda l-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/630/UE fir-rigward tal-inklużjoni tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u ta' wħud mid-Dipendenzi tal-Kuruna tiegħu fil-lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet minnhom awtorizzati għall-introduzzjoni fl-Unjoni tas-semen tal-annimali domestiċi tal-ispeċi tal-bovini***(notifikata bid-dokument C(2019)7647)***(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 88/407/KEE tal-14 ta' Ġunju 1988 li tistabilixxi r-reqwiziti tas-saħħa tal-annimali applikabbli għall-kummerċ intra-Komunitarju u għal importazzjonijiet ta' semen ta' annimali domestiċi tal-ispeċi tal-bovini ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(1) l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 10(2) u l-Artikolu 11(2) tagħha.

Billi:

- (1) Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit ippreżenta n-notifika tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). Fil-11 ta' April 2019, il-Kunsill Ewropew adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/584 ⁽²⁾ meħuda bi qbil mar-Renju Unit, li testendi l-perjodu skont l-Artikolu 50(3) tat-TUE. Skont dik id-Deċiżjoni, il-perjodu previst fl-Artikolu 50(3) tat-TUE ġie estż uterjorment sal-31 ta' Ottubru 2019. Għalhekk, id-dritt tal-Unjoni ma jibqax japplika għar-Renju Unit u fir-Renju Unit mill-1 ta' Novembru 2019 ("id-data tal-ħruġ").
- (2) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/630/UE ⁽³⁾ tistabbilixxi fl-Anness I tagħha lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet minnhom, li mingħandhom l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni ta' semen ta' annimali domestiċi tal-ispeċi bovina.
- (3) Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ipprovda l-garanziji neċessarji sabiex dak il-pajjiż u wħud mid-Dipendenzi tal-Kuruna tiegħu jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/630/UE għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' kunsinni tas-semen tal-annimali domestiċi tal-ispeċi tal-bovini mid-data tal-ħruġ billi jkompli jikkonforma mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għal perjodu inizjali ta' mill-inqas disa' xhur.
- (4) Għalhekk, meta jitqiesu dawn il-garanziji speċifiċi pprovduti mir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, u sabiex jiġi evitat tfixkil bla bżonn tal-kummerċ wara d-data tal-ħruġ, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u wħud mid-Dipendenzi tal-Kuruna tiegħu, jenħtieġ li jiġu inklużi fil-lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet minnhom stabbiliti fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/630/UE li huma awtorizzati għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' kunsinni tas-semen tal-annimali domestiċi tal-ispeċi tal-bovini.
- (5) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/630/UE jiġi emendat skont dan.
- (6) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tapplika mill-1 ta' Novembru 2019, sakemm f'dik id-data d-dritt tal-Unjoni ma jibqax japplika għar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u fih.

⁽¹⁾ ĠU L 194, 22.7.1988, p. 10.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2019/584 meħuda bi qbil mar-Renju Unit tal-11 ta' April 2019 li testendi l-perjodu taħt l-Artikolu 50(3) TUE (ĠU L 101, 11.4.2019, p. 1).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/630/UE tal-20 ta' Settembru 2011 dwar l-importazzjonijiet fl-Unjoni tas-semen tal-annimali domestiċi tal-ispeċi tal-bovini (ĠU L 247, 24.9.2011, p. 32).

- (7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/630/UE huwa emendat skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Novembru 2019.

Madankollu, ma għandhiex tapplika jekk f'dik id-data d-dritt tal-Unjoni jibqa' japplika għar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u fiha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Ottubru 2019.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

It-tabella stabbilita fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/630/UE hija emendata kif ġej:

(a) il-linji li ġejjin jiddaħħlu wara l-entrata ta' Ċili:

"GB	Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq		
GG	Guernsey"		

(b) il-linja li ġejja tiddaħħal wara l-entrata tal-Iżlanda:

"JE	Jersey"		
-----	---------	--	--

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

